**Mistoqsijiet Parlamentari**

**Seduta Nru. 22**
**It-Tnejn, 27 ta' Ġunju, 2022 fl-4:00 p.m.**

**MINISTERU GĦALL-ĠUSTIZZJA - CEOS**

**408. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja: Jista' l-Ministru jagħti n-numru ta' CEOs li huma impjegati mill-Gvern li jaqgħu taħt id-dekasteru rispettivi tal-Ministeru tiegħu u fejn huma impjegati? Jista' jagħti s-salarju li kull CEO rispettiv jitħallas u l-lista ta' benefiċċji allokati lil kull wieħed?

17/05/2022

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra tabella bl-informazzjoni mitluba.

Seduta 22
27/06/2022

**MINISTERU GĦALL-ANZJANITÀ ATTIVA - CEOS**

**409. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jagħti n-numru ta' CEOs li huma impjegati mill-Gvern li jaqgħu taħt id-dekasteru rispettivi tal-Ministeru tiegħu u fejn huma impjegati? Jista' jagħti s-salarju li kull CEO rispettiv jitħallas u l-lista ta' benefiċċji allokati lil kull wieħed?

17/05/2022

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni ser titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 22
27/06/2022

**PULIZIJA - INGAĠĠ TA' KADETTI ĠODDA**

**410. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm ġew ingaġġati kadetti ġodda mal-Korp tal-Pulizija bejn l-2017 u d-data li fiha titwieġeb din il-mistoqsija parlamentari?

17/05/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi fil-perjodu ta' bejn is-sena 2017 u t-18 ta' Mejju 2022, l-ammont ta' kadetti ġodda, kemm dawk li kienu jservu fil-Korp u dawk li applikaw minn barra l-Korp u li eventwalment ġew ingaġġati fir-rank ta' Spettur, kien ta' tmienja u disgħin, kif jidher fit-tabella hawn taħt:

| Sena | Applikanti mill-Korp li ġew promessi spetturi | Applikanti minn barra l-korp li ġew ingaġġati spetturi | Total |
|---|---|---|---|
| 2017 | 33 | 5 | 38 |
| 2018 | - | - | - |
| 2019 | - | - | - |
| 2020 | 28 | 3 | 31 |
| 2021 | 25 | 4 | 29 |
| Total | 86 | 12 | 98 |

Seduta 22
27/06/2022

**KORP TAL-PULIZIJA - PULIZIJA LI TELQU - QABEL TAW IL-25 SENA SERVIZZ**

**411. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid l-ammont ta' Pulizija li telqu mill-korp bejn l-2017 u d-data li fiha titwieġeb din il-mistoqsija parlamentari qabel taw is-servizz ta' 25 sena tagħhom?

17/05/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi mis-sena 2017 sad-19 ta' Mejju 2022 in-numru ta' membri tal-Korp li telqu jew spiċċaw qabel ma taw is-servizz ta' 25 sena tagħhom, kien ta' mija u sbatax (117). Din il-figura tinkludi dawk li spiċċaw minħabba mewt, raġunijiet mediċi, trasferiment għal dipartimenti oħra jew tkeċċija.

Seduta 22
27/06/2022

**GĦASSA TAL-QAWRA - STAFF INGAĠĠAT FULL-TIME**

**412. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jagħti l-ammont tal-istaff full-time ingaġġat fl-għassa tal-Qawra mill-2017 sad-data li fiha titwieġeb din il-mistoqsija parlamentari?

17/05/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi bejn is-sena 2017 u l-24 ta' Mejju 2022 in-numru ta' uffiċjali li kienu jservu jew qed iservu fl-għassa tal-Qawra kien kif jidher fit-tabella hawn taħt. Dawn il-figuri jinkludu l-uffiċjali tal-Community Police Teams li joperaw fid-Distrett kollu:

| Sena | Numru ta' Pulizija |
|---|---|
| 2017 | 61 |
| 2018 | 59 |
| 2019 | 64 |
| 2020 | 65 |
| 2021 | 68 |
| 2022 (sa 24.05.2022) | 71 |

Seduta 22
27/06/2022

**INGAĠĠ TA' INFERMIERA ĠODDA**

**413. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm ġew ingaġġati infermiera ġodda mas-settur tas-saħħa bejn l-2017 u d-data li fiha titwieġeb din il-mistoqsija parlamentari?

17/05/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li n-numru ta' infermiera ġodda reklutati mill-2017 sal-lum huwa medja ta 167.4 fis-sena b'total ta' 837 infermiera ġodda.

Seduta 22
27/06/2022

**MINISTERU GĦALL-AMBJENT, L-ENERĠIJA U L-INTRAPRIŻA – DIRECT ORDERS**

**844. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid kemm direct orders ingħataw u l-ammont totali tal-valur tagħhom, matul din is-sena (sal-ġurnata li qed tingħata din it-tweġiba), xahar b'xahar, mill-Ministeru konċernat, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tagħha?

24/05/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li l-Contracting Authority tippubblika din l-informazzjoni fuq il-Gazzetta tal-Gvern għal kull procurement li jsir għal kull perjodu ta' sitt xhur, skont ir-Regolament 111(2) tal-Public Procurement Regulations.

Seduta 22
27/06/2022

**ĊENTRI TAS-SAĦĦA – PSIKOLOĠISTI**

**914. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm hemm psikoloġisti jaħdmu, fuq bażi full-time u part-time, fiċ-Ċentri tas-Saħħa f'pajjiżna? Jista' jagħti lista dettaljata ta' kemm hemm psikoloġisti jaħdmu f'kull Ċentru tas-Saħħa rispettiv?

25/05/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi hemm 138 psikoloġisti li jagħtu kura għas-saħħa mentali fil-komunitá ma' Malta kollha u dawn ma jaħdmux miċ-ċentri tas-Saħħa.

Seduta 22
27/06/2022

**ĊENTRI TAS-SAĦĦA – PODJATRISTI**

**915. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm hemm podjatristi jaħdmu, fuq bażi full-time u part-time, fiċ-Ċentri tas-Saħħa f'pajjiżna? Jista' jagħti lista dettaljata ta' kemm hemm podjatristi jaħdmu f'kull Ċentru tas-Saħħa rispettiv?

25/05/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-Primary HealthCare timpjega total ta' 43 Podjatra. 30 minnhom jaħdmu fuq bażi Full-Time, 7 fuq bażi Full-Time - Reduced Hours, 3 fuq bażi Part Time, u 3 li bħalissa jinsabu fuq unpaid leave. Il-podjatri kollha huma mqassma biex jipprovdu s-servizz tagħhom fiċ-Ċentri tas-Saħħa kif ukoll fil-Kliniċi tal-Komunita.

Seduta 22
27/06/2022

**ĊENTRI TAS-SAĦĦA – FIŻJOTERAPISTI**

**916. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm hemm fiżjoterapisti jaħdmu, fuq bażi full-time u part-time, fiċ-Ċentri tas-Saħħa f'pajjiżna? Jista' jagħti lista dettaljata ta' kemm hemm fiżjoterapisti jaħdmu f'kull Ċentru tas-Saħħa rispettiv?

25/05/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-kura Primarja timpjega total ta' 23 Fiżjoterapista. 21 minnhom fuq bażi Full-Time u 2 fuq bażi Full-Time - Reduced Hours. Tlett (3) fiżjoterapisti jagħmlu kemm xogħol kliniku u amministrattiv. Il-fiżjoterapisti kollha huma mqassma biex jipprovdu s-servizz tagħhom fiċ-Ċentri tas-Saħħa kif ukoll fil-Kliniċi tal-Komunita.

Seduta 22
27/06/2022

**ĊENTRI TAS-SAĦĦA – OCCUPATIONAL THERAPISTS**

**917. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm hemm Occupational Therapists jaħdmu, fuq bażi full-time u part-time, fiċ-Ċentri tas-Saħħa f'pajjiżna? Jista' jagħti lista dettaljata ta' kemm hemm Occupational Therapists jaħdmu f'kull Ċentru tas-Saħħa rispettiv?

25/05/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi hemm 121 full time Occupational Therapists li jagħtu servizz fil-komunita ma Malta kollha u dawn ma jaħdmux miċ-ċentri tas-Saħħa.

Seduta 22
27/06/2022

**UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU – PERSUNI LI JAĦDMU BIR-REMOTE WORKING**

**923. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid kemm hemm persuni jaħdmu permezz ta' remote working (teleworking), mal-Uffiċċju tal-Prim Ministru, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu?

25/05/2022

**ONOR. ROBERT ABELA:** Ninsab infurmat li fid-dekasteru kollu tal- Uffiċċju tal-Prim Ministru hemm 123 persuna li jaħdmu bit-teleworking u 107 jaħdmu fuq bażi ta' remote working.

Seduta 22
27/06/2022

**SETTUR AGRIKOLU - REĠISTRU TA' ĦADDIEMA**

**1112. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: B'referenza għat-tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 142, jista' l-Ministru jgħid jekk:
(a) jeżistix elenku/lista/reġistru tal-ħaddiema involuti fis-settur agrikolu, skont is-sengħa u tip ta' ingaġġ (full/part-time u/jew każwali); u
(b) jekk din l-informazzjoni hix miġbura, anke minn entitajiet oħra bħal Jobsplus?
Jekk il-Gvern m'għandux l-informazzjoni hawn fuq imsemmija, jista' l-Ministru jgħid kif il-Gvern u/jew entitajiet u Dipartimenti tiegħu jistgħu:
(a) jitkellemu fuq l-impatt ta' ċertu issues bħal tnaqqis ta' bejgħ fuq il-ħaddiema u l-familjari tagħhom;
(b) jikkalkulaw kemm se jiġu jiswew miżuri għal għajnuna bħala kumpens ta' nuqqas ta' dħul għal ħaddiema fis-settur; u
(ċ) jipproġettaw miżuri biex ħaddiema fis-settur li jispiċċaw bla xogħol isibu xogħol alternattiv u s-sengħa u l-ħiliet tagħhom ma jintilfux?

30/05/2022

**ONOR. ANTON REFALO:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għar-risposta tal-Mistoqsija Parlamentaru Nru 142.

Seduta 22
27/06/2022

**SETTUR AGRIKOLU - REĠISTRU TA' ĦADDIEMA**

**1113. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jinforma lill-Kamra jekk jinżammx reġistru tal-ħaddiema (mhux bdiewa reġistrati) li jaħdmu fis-settur agrikolu? Jekk iva, jista' l-Ministru jgħid x'inhu:
(a) in-numru ta' ħaddiema minn Jannar 2000 sa' Diċembru 2021;
(b) it-tip ta' impjieg (full-time, part-time, każwali);
(ċ) il-livell ta' edukazzjoni /ċertifikazzjoni ta' kompetenza fis-settur agrikolu?
Jista' jgħid jekk teżistix xi forma ta' informazzjoni fir-rigward tal-kapaċitajiet / kompetenzi ta' dawn il-ħaddiema li mhux neċessarjament huma reġistrati bħala bdiewa? Jekk il-Ministru m'għandux din l-informazzjoni, jista' jitlob din l-informazzjoni lill-Jobplus?

30/05/2022

**ONOR. ANTON REFALO:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għar-risposta tal-Mistoqsija Parlamentaru Nru 142.

Seduta 22
27/06/2022

**IMPJEGATI LI GGRADWAW MILL-MCAST F'SETTURI AGRIKOLI**

**1114. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid kemm ġew impjegati persuni li ggradwaw f'xi wieħed mill-korsijiet offruti mill-MCAST (Istitut tax-Xjenzi Applikati) fl-oqsma relatati mal-agrikoltura u sajd fl-entitajiet kollha li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu bejn Jannar 2010 u Diċembru 2021?

30/05/2022

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li sejħiet għall-applikazzjoni joħorġu regolarment b'talba għall-kwalifiki speċifiċi u/jew tekniċi skont in-natura tal-postijiet vakanti, fejn Bord maħtur jirrevedi u janalizza l-eliġibilità tal-applikanti skont il-kriterji tas-sejħa qabel dawn jissejħu biex jagħmlu intervista tax-xogħol. L-eliġibilità fil-kwalifiki li joħorġu fis-sejħiet jispeċifikaw biss il-livell li jkun rekwiżit filwaqt li l-Bord ma jagħmel l-ebda distinzjoni minn fejn tkun ħarġet il-kwalifika.
Ngħarrfu wkoll li biex tinġabar l-informazzjoni kif mitluba minnu, jinqabeż l-advisory cost limit.

Seduta 22
27/06/2022

**MALTA METRO - DIRECT ORDERS**

**1115. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: B'referenza għar-risposta għall-mistoqsija parlamentari 122, jista' l-Ministru jgħid jekk l-ammont ta' €424,000 f'direct orders f'ġurnata waħda għal kumpanija waħda biex torganizza esebizzjoni għall-15-il ġurnata humiex esaġerati u li faċilment setgħu ġew iffrankati ħafna flus mit-taxxi tal-poplu?

30/05/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Nirreferi l-onor. interpellant ghall-mistoqsijiet parlamentari nru. 597 u nru. 598.

Seduta 22
27/06/2022

**MALTA METRO - DIRECT ORDERS**

**1116. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: B'referenza għar-risposta għall-mistoqsija parlamentari 122 u b'referenza għal diversi direct orders li ħareġ il-Ministeru li jaqa' taħt ir-responsabbiltà tiegħu fit-8 ta' Novembru 2021 lil kumpanija li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament bħala parti mis-servizzi meħtieġa fuq perjodu ta' 15-il ġurnata fejn kienu preżentati l-istudji b'rabta mal-proposta tal-metro, li tali studji li saru fl-2017 (u ċjoè kważi erba' snin qabel ma saret din l-esebizzjoni) swew lil pajjiżna €1,807,907.41, jista' l-Ministru jgħid:
(a) kemm-il tinda ġiet armata u kemm ġiet tiswa kull tinda li fiha saret l-esebizzjoni għall-perjodu ta' 15-il ġurnata;
(b) kemm ġiet tiswa l-għamara meħtieġa għal din it-tinda u fiex kienet tikkonsisti eżatt din l-għamara? X'sar minnha din l-għamara wara li spiċċat din l-esebizzjoni;
(ċ) kemm ġew jiswew l-iscreens għal din l-esebizzjoni u kemm-il screen inkera;
(d) x'tip ta' strutturi ntużaw għal din l-esebizzjoni u kemm swew flus dawn l-istrutturi;
(e) kemm ġiet tiswa s-sistema ta' arja kundizzjonata;
(f) kemm-il generator ġie mikri għal din l-esebizzjoni, x'saħħa kellu kull generator u kemm ġie jiswa kull generator;
(g) kemm ġew jiswew id-dwal użati għal din l-esebizzjoni;
(h) kemm ġew jiswew flus is-sistemi ta' audio għal din l-esebizzjoni;
(i) kemm ġie jiswa flus l-ipprintjar ta' materjal informattiv ta' din l-esebizzjoni;
(j) kemm ġie jiswa t-tindif għal din l-esebizzjoni;
(k) kemm ġie jiswa t-trasport għal din l-esebizzjoni, x'forma ta' trasport intuża u għal xiex / għal min ġie pprovdut dan it-trasport; u
(l) kemm-il tapit intuża għal din esebizzjoni u kemm ġie jiswa kull tapit?

30/05/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li għandu żball meta jagħti l-impressjoni li kollox kien lest fl-2017. Saħansitra fuq is-sit li tnieda mal-esebizzjoni kien ingħata timeline li jixhed dan u l-istudju ppubblikat għandu wkoll nota dwar l-impatt tal-pandemija. Intant qed ipoġġi fuq il-mejda tal-kamra l-istima tas-servizzi li qed jirreferi għalihom.

Seduta 22
27/06/2022

**MALTA METRO - DIRECT ORDERS**

**1117. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: B'referenza għar-risposti għall-mistoqsijiet parlamentari 122 u 597, u peress li l-istudji b'rabta mal-proposta tal-Metro li swew lil pajjiżna €1,807,907.41 kienu lesti xhur, jekk mhux snin, qabel saret l-esebizzjoni msemmija, x'inhi r-raġuni Ii għas-servizzi biex issir din l-esebizzjoni ma ħarġux tenders kompetittivi varji minflok direct orders? X'inhi r-raġuni li dawn id-direct orders ingħataw lil kumpanija waħda meta tali servizzi varji setgħu faċilment ingħataw b'tenders varji li kien ikunu ferm aktar 'cost effective' u t-taxpayer kien ikollu aktar 'value for money' għas-servizzi/prodotti li ngħataw?

30/05/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba tal-Mistoqsija Parlamentari Nru 597.

Seduta 22
27/06/2022

**MULTIDISCIPLINARY TEAM - KURA FID-DIJABETE**

**1375. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: B'referenza għar-risposta għall-mistoqsija parlamentari 17, jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid jekk hux se jwarrab l-idea tal-Multidisciplinary team fil-kura tad-Dijabete kif indikata b'mod prominenti fl-Istrategija tad-Dijabete 2016-2020 u li issa ilha sentejn li skadiet?

06/06/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l- Ministeru tas-Saħħa huwa kommess li jittratta id-Dijabete b'kull mod possibbli inkluż bil-multidisciplinary teams.

Seduta 22
27/06/2022

**KURA TAS-DIJABETE - ŻIEDA FL-INFERMIERA**

**1376. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: B'referenza għar-risposta għall-mistoqsija parlamentari 18, jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid jekk fil-fatt ħariġx parir mill-Ispecialist Accreditation Committee biex jiżdied in-numru ta' nurses li jispeċjalizzaw fil-kura tad-Dijabete?

06/06/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-iSpecialist Accreditation Committee ma ħareġ l-ebda parir f'din id-direzzjoni.

Seduta 22
27/06/2022

**SPEED CAMERAS FIL-COAST ROAD**

**1377. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm speed cameras fuq il-Coast Road, inkluż fiż-żona ta' Kennedy Drive, Tul il-Kosta u Triq Sant'Indrija? Jista' jgħid liema huma l-iktar speed cameras li twaħħlu reċenti, meta u fejn twaħħlu? Jista' l-Ministru jgħid ukoll kemm ħarġu ċitazzjonijiet minħabba speed eċċessiv minn fuq kull camera li hemm fiż-żona msemmija tal-Coast Road, tul dawn l-aħħar 12-il xahar?

06/06/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li hemm 5 Speed Cameras fiż-żona imsemmija.

Direzzjoni Tramuntana ta' Malta:
1 x Tul il-Kosta, viċin Triq Sant' Andrija
1 x Tul il-Kosta, viċin Splash and Fun park – Imwaħħla Riċenti – Ġunju 2021
1 x Tul il-Kosta – viċin it-Torri tal-Għallis – Imwaħħla Riċenti – Ġunju 2021

Direzzjoni Nofsinhar ta' Malta
1 x Tul il-Kosta, bejn Salini Resort u t-Torri tal-Għallis – Imwaħħla Riċenti – Mejju 2022
1 x Tul il-Kosta, viċin il-Magħtab – Imwaħħla Riċenti – Mejju 2022

Kontravvenzjonijiet maħruġa huma s-segwenti:

| | 2021 | | | | | | | 2022 | | | | | Grand Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Coast Road Cameras** | **Jun** | **Jul** | **Aug** | **Sep** | **Oct** | **Nov** | **Dec** | **Jan** | **Feb** | **Mar** | **Apr** | **May** | |
| **NAXXAR** | **1,996** | **1,332** | **1,271** | **869** | **872** | **854** | **340** | **1,041** | **951** | **727** | **758** | **2,004** | **13,015** |
| TUL IL-KOSTA | 104 | 51 | 131 | 113 | 119 | 105 | 139 | 118 | 109 | 23 | 37 | 93 | 1,142 |
| TUL IL-KOSTA (NB1: BAĦAR IĊ-ĊAGĦAQ - PEMBROKE TO SAN PAWL) | 1,585 | 1,280 | 1,140 | 756 | 707 | 676 | 111 | 883 | 788 | 644 | 654 | 485 | 9,709 |
| TUL IL-KOSTA (NB2: GĦALLIS - PEMBROKE TO SAN PAWL) | 307 | 1 | | | 46 | 73 | 90 | 40 | 54 | 60 | 67 | 45 | 783 |
| TUL IL-KOSTA (SB1: SALINI - SAN PAWL TO PEMBROKE) | | | | | | | | | | | | 274 | 274 |
| TUL IL-KOSTA (SB2: MAGĦTAB - SAN PAWL TO PEMBROKE) | | | | | | | | | | | | 1,107 | 1,107 |
| **Grand Total** | **1,996** | **1,332** | **1,271** | **869** | **872** | **854** | **340** | **1,041** | **951** | **727** | **758** | **2,004** | **13,015** |

**SKOLA PRIMARJA TAL-MOSTA - NUQQAS TA' SPAZJU**

**1378. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jikkonferma li minħabba nuqqas ta' spazju fl-Iskola Primarja tal-Mosta hemm tfal li ġew trasferiti fl-Iskola Primarja tan-Naxxar?

06/06/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li minħabba l-miżuri marbuta mal-pandemija, primarjament dik ta' distanzjar bejn l-istudenti, kien hemm ħtieġa ta' rilokazzjoni temporanja ta' studenti mill-iskola Primarja tal-Mosta lejn l-Induction Hub tan-Naxxar. Dawn l-istudenti xorta lkoll baqgħu studenti tal-iskola Primarja tal-Mosta u l-pjan huwa li fis-sena akkademika li jmiss se jerġgħu jirritornaw fiżikament ukoll lura fl-iskola tal-Mosta.

Seduta 22
27/06/2022

**SKOLA PRIMARJA TAN-NAXXAR - XOGĦLIJIET STRUTTURALI**

**1379. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid meta se jibda x-xogħol strutturali fuq l-Iskola Primarja tan-Naxxar kif kien indikat fuq il-permess li kien imwaħħal mal-binja tal-istess skola? Jista' jgħid ukoll fiex jikkonsisti dan ix-xogħol? Minħabba li l-avviż tneħħa, jista' l-Ministru jgħid jekk ix-xogħol hux se jsir?

06/06/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li filwaqt li oriġinarjament kien maħsub li ssir estensjoni ġewwa l-iskola Primarja tan-Naxxar billi jinbena sular fuq l-iskola eżistenti, preżentement għaddejjin diskussjonijiet interni maħsuba li jistgħu jwasslu għall-possibilità li tinbena skola totalment ġdida fuq l-istess sit.

Seduta 22
27/06/2022

**TAL-PIETÀ: TRIQ TELGĦET GWARDAMANĠA - MANUTENZJONI FI BLOCK MARINA APARTMENTS**

**1433. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid meta se jibda u jitlesta l-maintenance ta' Block Marina Apartments fi Triq Telgħet Gwardamanġa u Triq ix-Xatt f'Tal-Pietà, u b'mod speċjali għal Block 6 peress illi r-residenti ilhom bil-ħsara fil-lift għal dawn l-aħħar sena u nofs?

08/06/2022

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-manutenzjoni tal-lift fil-Blokk indikat hi fl-obbligu li ssir mir-residenti għas-spejjeż tagħhom. Madanakollu f'din il-blokka permezz ta' fondi mill-programm ERDF sejjer jitwettaq proġett ta' tisbieħ tal-partijiet komuni li jinkludi lift ġdid. Il-proġett hu ppjanat li jinbeda fi ftit xhur oħra u jitlesta sal-aħħar tas-sena 2023.

Seduta 22
27/06/2022

**REGOLAMENTI DWAR IL-ĦINIJIET TAD-DAQQ TAL-MUŻIKA FI ĦWIENET KUMMERĊJALI**

**1500. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ: B'referenza għall-Avviż Legali 161 tal-2022, jista' l-Ministru jgħid x'inhuma u jippubblika l-pariri jew rakkomandazzjonijiet li rċieva u abbażi ta' liema, biddel ir-regolamenti dwar il-ħinijiet tad-daqq tal-mużika fi ħwienet kummerċjali? Jista' jgħid ma' min saret konsultazzjoni dwar din il-bidla fir-regolamenti?

10/06/2022

**ONOR. IAN BORG:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi l-mistoqsija lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 22
27/06/2022

**BELT VALLETTA - PARKING SPOTS**

**1537. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 1093, jista' l-Ministru jwieġeb l-istess mistoqsija u jgħid kemm hemm parking spots fil-Belt Valletta li qed isir użu minnhom mill-Gvern, Ministeri u awtoritajiet statutorji, inklużi organizzazzjonijiet parastatali, hekk kif it-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 821 tat-13-il Leġiżlatura li rreferieni għaliha ma tweġibx il-mistoqsija oriġinali?

14/06/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Nitlob lill-Onorevoli interpellant biex jirreferi għat-tweġibiet li ngħataw għall-mistoqsijiet bin-numri 16349, 16350, 16351, 16352, 16354, 16355, 16356, 16357, 16358, 16359, 16360, 16361, 16362, 16363, 16364, 16365, u 16366 tal-Leġiżlatura XIII.

Sedua 22
27/06/2022

**KUNSILL LOKALI TA' SANTA VENERA - PARKEĠĠ TA' UMBERTO COLOSSO**

**1538. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru twieġeb il-mistoqsija parlamentari 1094, li oriġinarjament saret lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali u li issa ġiet riferuta lilha, u tgħid jekk il-Kunsill Lokali ta' Santa Venera għamilx tentattiv sabiex il-parkeġġ ta' Umberto Colosso jkun jista' jibda jintuża mir-residenti wara l-ħinijiet tal-użu mill-Gvern? Jekk iva, x'kienet ir-risposta tal-Gvern?

14/06/2022

**ONOR. MIRAM DALLI:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li l-uffiċċju tiegħi qatt ma ġie avviċinat dwar il-materja.

Ninsab infurmata li tali diskussjonijiet saru matul il-leġiżlatura li għaddiet u li t-talba ġiet irrifjutata abbażi ta' numru ta' fatturi, inkluż kwistjonijiet ta' sigurta.

Sedua 22
27/06/2022

**KEJL TAL-KWALITÀ TAL-ARJA F'KULL LOKALITÀ**

**1539. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru twieġeb il-mistoqsija parlamentari 1096 u tipprovdi l-iktar qari reċenti tal-kejl tal-kwalità tal-arja għal kull lokalità f'Malta u Għawdex, u meta ttieħed?

14/06/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Qiegħda inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra riżultati tal-medja annwali tal-2021 f'kull lokalità. L-ERA tagħmel monitoraġġ kontinwu tal-benżin u diossidu tan-nitroġenu f'mitt sit mifrux ma' Malta u Għawdex permezz ta' diffusion tubes. Din is-sistema ta' monitoraġġ tkopri 59 lokalità. Dawn id-diffusion tubes jiġu esposti għal perjodu ta' erba' ġimgħat u wara jintbagħtu f'laboratorju akkreditat għall-analiżi. Il-medja annwali għal kull sit tintuża biex jiġu żviluppati mapep tat-tniġġis li huma disponibbli fuq il-website tal-ERA.

Apparti minn hekk, l-ERA wkoll tagħmel monitoraġġ b'mod kontinwu ġewwa l-Msida, iż-Żejtun, H'Attard, San Pawl il-Baħar u l-Għarb (near real time monitoring). Din is-sistema tkopri iktar sustanzi ta' tniġġiż filwaqt li l-informazzjoni hija wkoll disponibbli fuq il-website tal-ERA permezz ta' grafika u 'air quality index', li tiġi aġġornata kull siegħa. Din hija sistema fejn informazzjoni dwar il-kwalità tal-arja hija disponibbli b'mod li tista' tinftiehem mill-pubbliku. Qiegħda npoġġi ukoll fuq il-Mejda tal-Kamra dokument l-Air Quality Index skont kif irrapurtat fi 8 ta' Ġunju 2022 fi 14:16.

Seduta 22
27/06/2022

**MINISTERU GĦALL-AMBJENT, L-ENERĠIJA U L-INTRAPRIŻA - KONSULENTI**

**1618. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru twieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 294 u 1130 u tgħid kemm hemm persuni li ġew impjegati bħala konsulenti mal-Ministeru u/jew Segretarjati sal-14 ta' Mejju 2022, u kemm dawn jitħallsu?

15/06/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta 22
27/06/2022

**MINISTERU GĦAT-TRASPORT, L-INFRASTRUTTURA U L-PROĠETTI KAPITALI – UFFIĊJALI LI ĦADU SEHEM FI PROGRAMM TELEVIŻIV**

**1635. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid kemm sar ħlas, u d-data, mill-Ministeru u lil min, inkluż One TV u One Productions, mill-2017 sal-lum biex uffiċjali tal-Ministeru (inkluż il-Ministru) dehru/ħadu sehem fil-programm Espresso?

15/06/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li mill-2017 sal-lum ma kienx hemm ħlas lil One TV u/jew One Productions biex uffiċjali tal-Ministeru (inkluż il-Ministru) dehru/ħadu sehem fil-programm Espresso.

Sedua 22
27/06/2022

**MINISTERU GĦAL GĦAWDEX – UFFIĊJALI LI ĦADU SEHEM FI PROGRAMM TELEVIŻIV**

**1636. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid kemm sar ħlas, u d-data, mill-Ministeru u lil min, inkluż One TV u One Productions, mill-2017 sal-lum biex uffiċjali tal-Ministeru (inkluż il-Ministru) dehru/ħadu sehem fil-programm Espresso?

15/06/2022

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li minn dan il-Ministeru ma sar l-ebda ħlas lill-One TV u l-One Productions biex uffiċjali tal-Ministeru (inkluż il-Ministeru) dehru/ħadu sehem fil-programm Espresso mid-data msemmija sal-lum.

Seduta 22
27/06/2022

**MINISTERU GĦALL-INTERN, IS-SIGURTÀ, IR-RIFORMI U L-UGWALJANZA – UFFIĊJALI LI ĦADU SEHEM FI PROGRAMM TELEVIŻIV**

**1637. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm sar ħlas, u d-data, mill-Ministeru u lil min, inkluż One TV u One Productions, mill-2017 sal-lum biex uffiċjali tal-Ministeru (inkluż il-Ministru) dehru/ħadu sehem fil-programm Espresso?

15/06/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 22
27/06/2022

**MINISTERU GĦAT-TURIŻMU – UFFIĊJALI LI ĦADU SEHEM FI PROGRAMM TELEVIŻIV**

**1638. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jgħid kemm sar ħlas, u d-data, mill-Ministeru u lil min, inkluż One TV u One Productions, mill-2017 sal-lum biex uffiċjali tal-Ministeru (inkluż il-Ministru) dehru/ħadu sehem fil-programm Espresso?

15/06/2022

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ma sar l-ebda ħlas f'dan ir-rigward.

Seduta 22
27/06/2022

**MINISTERU GĦALL-AMBJENT, L-ENERĠIJA U L-INTRAPRIŻA – UFFIĊJALI LI ĦADU SEHEM FI PROGRAMM TELEVIŻIV**

**1639. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid kemm sar ħlas, u d-data, mill-Ministeru u lil min, inkluż One TV u One Productions, mill-2017 sal-lum biex uffiċjali tal-Ministeru (inkluż il-Ministru) dehru/ħadu sehem fil-programm Espresso?

15/06/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 22
27/06/2022

**MINISTERU GĦALL-FINANZI U X-XOGĦOL – UFFIĊJALI LI ĦADU SEHEM FI PROGRAMM TELEVIŻIV**

**1640. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm sar ħlas, u d-data, mill-Ministeru u lil min, inkluż One TV u One Productions, mill-2017 sal-lum biex uffiċjali tal-Ministeru (inkluż il-Ministru) dehru/ħadu sehem fil-programm Espresso?

15/06/2022

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ngħarraf lill-Onor. Interpellant illi l-ebda uffiċjal tal-Ministeru (inkluż il-Ministru) ma deher jew ħa sehem fil-programm Espresso.

Seduta 22
27/06/2022

**BORMLA – TRIQ SAN ĠWANN T'GĦUXA - RIABILITAZZJONI**

**1660. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jinforma l-Kamra meta ser tiġi riabilitata l-parti fl-aħħar ta' Triq San Ġwann t'Għuxa, Bormla, billi jidher li f'dawn l-aħħar xhur marret lura u teħtieġ kura u tindifa sew?

16/06/2022

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jindirizza l-mistoqsija lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 22
27/06/2022

**BORMLA – TRIQ SAN ĠWANN T'GĦUXA - RIABILITAZZJONI**

**1661. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tinforma l-Kamra meta ser tiġi riabilitata l-parti fl-aħħar ta' Triq San Ġwann t'Għuxa, Bormla, billi jidher li f'dawn l-aħħar xhur marret lura u teħtieġ kura u tindifa sew?

16/06/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Nitlob lill-Onor Interpellant jirrieferi l-mistoqsija lil Ministru kkonċernat.

Seduta 22
27/06/2022

**VALLETTA – TRIQ GIROLAMO CASSAR – MANUTENZJONI**

**1662. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jara li l-ħsara li hemm fl-aħħar parti ta' Triq Girolamo Cassar, Valletta, preċiżament fejn hemm forma ta' roundabout, tiġi msewwija?

16/06/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ninsab infurmat li l-akkwata fi Triq Ġirolamo Cassar illi qed jagħmel referenza għaliha huwa, ma taqax taħt ir-responsabbilità tal-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta.

Seduta 22
27/06/2022

**ŻEJTUN – PERSUNI REĠISTRATI BĦALA BDIEWA FULL-TIME U PART-TIME**

**1663. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: B'referenza għad-domandi preċedenti, jista' l-Ministru jinforma l-Kamra kemm kien hemm persuni reġistrati bħala bdiewa residenti ż-Żejtun full-time u part-time tul dawn l-aħħar għaxar snin u possibbilment sena b'sena bis-sess relattiv?

16/06/2022

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni ser tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta 22
27/06/2022

**ĦAL GĦAXAQ – PERSUNI REĠISTRATI BĦALA BDIEWA FULL-TIME U PART-TIME**

**1664. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: B'referenza għad-domandi preċedenti, jista' l-Ministru jinforma l-Kamra kemm kien hemm persuni reġistrati bħala bdiewa residenti Ħal Għaxaq full-time u part-time tul dawn l-aħħar għaxar snin u possibbilment sena b'sena bis-sess relattiv?

16/06/2022

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni ser tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta 22
27/06/2022

**PERSUNI LI GĦADDEW MILL-EŻAMIJIET GĦAL PRINCIPAL U UFFIĊJAL EŻEKUTTIV**

**1695. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: B'referenza għar-risposti għall-mistoqsijiet parlamentari 1087 u 1202, jista' l-Prim Ministru jara li l-informazzjoni kollha mitluba titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra biex ikun hemm tweġiba sħiħa?

17/06/2022

**ONOR. ROBERT ABELA:** B'referenza għat-tweġibiet tal-Mistoqsijiet Parlamentari numri 1087 u 1202, ninsab addizzjonalment infurmat li rigward tal-grad ta' Uffiċjal Eżekuttiv, minn 228 kandidat li għaddew, ġew imsejħa 155 minnhom. Fil-grad ta' Prinċipal ninsab addizzjonalment infurmat li minn 264 kandidat li għaddew, ġew msejha 236.

Seduta 22
27/06/2022

**SAN PAWL IL-BAĦAR/BUĠIBBA – TRIQ L-IMREJKBA –SISTEMA TAD-DRENAĠĠ**

**1710. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tagħti tagħrif dwar xi pjanijiet hemm imfassla biex is-sistema tad-drenaġġ fi Triq l-Imrejkba, Buġibba, San Pawl il-Baħar u ż-żona tal-madwar isiru tiswijiet fuqha jew inkella tinbidel l-istess sistema ta' drenaġġ fl-istess triq u żona?

20/06/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li min evalwazzjoni teknika riċenti li saret fl-inħawi ndikati ma jidhirx li hemm bzonn ta' interventi urġenti fuq infrastruttura tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma.

Ninsab infurmata li f'din it-triq għaddejja nvestigazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti fuq sors ta' ilma li qed joħloq inkonvenjent. Il-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma tikkolabora bis-sħiħ f'dawn l-investigazzjonijiet skont il-htieġa.

Seduta 22
27/06/2022

**IL-MELLIEĦA U SAN PAWL IL-BAĦAR – XOGĦOL FUQ SLIELEM TAL-BAĦAR**

**1711. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jaċċerta li x-xogħol kollu relatat mas-slielem tal-baħar fil-lokalitajiet tal-Mellieħa u San Pawl il-Baħar (inkluż Xemxija, Qawra u Buġibba) hu lest u li s-slielem kollha tpoġġew fil-baħar? Jekk le meta hu mistenni li dan ix-xogħol jitlesta?

20/06/2022

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-infrastruttura tas-slielem kollha fil-lokalitajiet imsemmija twaħħlu kollha. Madanakollu sellum li s-soltu jeħel taħt il-Pjazza ta' Buġibba, din is-sena ma setax jeħel peress li l-maltemp daħħal ħafna ramel u m'hemmx fejn jeħel is-sellum. Fl-istess post twaħħal railing biex jissostitwixxi s-sellum.

Seduta 22
27/06/2022

**IL-MELLIEĦA U SAN PAWL IL-BAĦAR – BAJJIET AĊĊESSIBBLI GĦALL-PERSUNI B'DIŻABILITÀ**

**1712. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jgħid liema huma l-bajjiet li huma aċċessibbli (għall-persuni b'diżabilità) permezz ta' tagħmir apposta fil-lokalitajiet tal-Mellieħa u San Pawl il-Baħar (inkluż Xemxija, Qawra u Buġibba)? Jista' jgħid jekk dan it-tagħmir tpoġġiex f'postu u jekk le meta hu mistenni li dan ix-xogħol jitlesta?

20/06/2022

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Nirreferi lill-Onor. Interpellanta għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 509.

Seduta 22
27/06/2022

**SALINA NATIONAL PARK – LOGĦOB BIL-BALLUN**

**1713. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid jekk fil-park ta' Kennedy Grove (Salina National park), San Pawl il-Baħar, hemmx żoni fejn wieħed jista' jilgħab bil-ballun, hekk kif jidher li xi pulizija waqqfu lil xi tfal milli jilagħbu bil-ballun f'dan il-park? Jekk iva, liema huma dawn iż-żoni?

20/06/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lil Onor Interpellant li l-Park tas Salina inkluz wkoll l-parti ta' Kennedy Grove hu intenzjonat sabiex l-familji u l-vizitaturi jkollhom spazju miftuħ fejn jirrekrejaw ruħom f' ambjent naturali. Filwaqt li wieħed jifhem li jkun hemm tfal zgħar li okkazzjonalment jilgħabu bil-ballun f' diversi żoni ġewwa dan il-park mingħajr ma' jkun hemm periklu għalihom jew għal-vizitaturi oħrajn, logħob bil-ballun minn zgħazagħ jew persuni adulti li jista' jkun ta' periklu ghal vizitaturi ohra hija xi haga differenti. Huwa f' ċirkustanzi bħal dawn li l-uffiċjali tas-sigurta' u uffiċjali tal-pulizija, li jkunu preżenti regolarment biex josservaw l-bon ordni, jiġbdu l-attenzjoni u ma jħallux li jkun hemm periklu għall pubbliku u anki li ma ssirx hsara fuq il-post.

Sedua 22
27/06/2022

**SAN PAWL IL-BAĦAR – SMART METERS**

**1714. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid jekk fil-lokalità ta' San Pawl il-Baħar ir-residenzi għandhomx kollha smart meters installati? Jekk le, x'inhi r-raġuni għal dan? Għal dawn ir-residenzi li fihom hemm smart meters, x'inhi r-raġuni li kull tant żmien ħaddiema jaqraw il-meters? Meta jsir dan x'tip ta' informazzjoni tkun qed tinġabar?

20/06/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li, fejn jirrigwardja l-elettriku, fil-lokalità msemmija, l-persentaġġ ta' smart meters jiżboq id-99% tal-meters installati. Mill-meters li jifdal (effettivament inqas minn 1%), hemm aktar min-nofshom ma jistgħux jinbidlu għax is-servizz huwa sospiż, filwaqt li l-kumplament jistgħu jinbidlu la darba jkun hemm l-arranġamenti meħtieġa mas-sidien. Fejn jirrigwardja l-ilma, il-qari awtomatiku jiżboq it-80%. Il-qari fiżiku tal-ismart meters ikun meħtieġ fejn għal xi raġuni l-konsum ma jidħolx b'mod awtomatiku jew fejn ikunu meħtieġa verifiki addizzjonali.

Seduta 22
27/06/2022

**AZZJONIJIET FUQ E-SCOOTERS MIXĦUTIN FUQ IL-BANKINI**

**1715. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jinforma x'azzjoni qed tittieħed biex e-scooters ma jibqgħux jinxteħtu fejn ġie ġie fuq il-bankini u joħolqu ostakli bla bżonn, b'mod speċjali għall-persuni b'diżabilità li jużaw dawn il-bankini?

20/06/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li Transport Malta qiegħda fi stadju fejn qed jiġu aġġornati l-liġijiet biex tkun tista iżżid l-infurzar fuq dawn il-mezzi.

Seduta 22
27/06/2022

**MCCAA – SKEMI TA' SELF REGULATION FIS-SETTUR PRIVAT**

**1719. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur: Tista' l-Ministru tgħid jekk attwalment hemmx xi skemi ta' self-regulation da parti tas-settur privat li ġew approvati mill-MCCAA jew minn xi entità fi ħdanha? Jekk hemm tista' tgħid f'liema settur u kemm ilhom operattivi?

20/06/2022

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ma hemmx informazzjoni rigward skemi ta' self-regulation da parti tas-settur privat li ġew approvati mill-MCCAA jew minn xi entità fi ħdanha biex tiġi ppreżentata.

Seduta 22
27/06/2022

**MCESD - KUMITAT REĠJONALI GĦAL GĦAWDEX**

**1720. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid kemm-il darba ltaqa' l-Kumitat Reġjonali tal-MCESD għal Għawdex matul din is-sena? Jista' jgħid min huma l-membri preżenti ta' dan il-Kumitat Reġjonali tal-MCESD?

20/06/2022

**ONOR. ROBERT ABELA:** Ninsab infurmat li l-Kumitat Reġjonali għal Għawdex din is-sena ltaqa' 4 darbiet. Rigward il-membri tal-msemmi kunsill, huma kif ġejjin:

| Entity | | Title | Name |
|---|---|---|---|
| Gozo University Group | delegat | Ms | Nathalia Borg |
| sostitut | Mr | Joseph Mercieca | |
| Union Haddiema Maghqudin Voice of the Workers | delegat | Mr | Joseph Sultana |
| sostitut | | | |
| Gozo NGO Association | delegat | Mr | Saviour Grech |
| delegat | Dr | Sean Zammit | |
| delegat | Ms | Miriam Portelli | |
| sostitut | Ms | Joany Mizzi | |
| sostitut | Mr | Martin Galea | |
| General Workers Union | delegat | Mr | Alvin Scicluna |
| sostitut | Ms | Carmen Bajada | |
| Gozo Tourism Association | delegat | Mr | Konrad Scicluna |
| delegat | Mr | Joe Muscat | |
| sostitut | Mr | Marvic Borg | |
| sostitut | Mr | Paul Scicluna | |
| Gozo Business Chamber | delegat | Mr | Joseph Borg |
| delegat | Mr | Daniel Borg | |
| sostitut | Perit | Edward Scerri | |
| sostitut | Dr | Jonathan Mintoff | |
| Confederation of Malta Trade Unions | delegat | Dr | Anselm Psaila |
| Ministry for Gozo | delegat | Mr | Ronald Sultana |
| sostitut | Ms | Daniela Sabino | |
| Local Councils Gozo Region | delegat | Dr | Samuel Azzopardi |
| delegat | Dr | Christian Zammit | |
| delegat | Mr | David Apap Agius | |
| sostitut | Mr | Nicky Saliba | |
| sostitut | Mr | Paul Azzopardi | |
| sostitut | Mr | Mario Azzopardi | |
| Gozo Diocese | delegat | Mr | Tony Bezzina |
| sostitut | Ms | Melissa Xiberras | |
| Forum | delegat | Mr | Chris Attard |
| sostitut | Mr | Mark Cini | |
| Malta Chamber of SME's | delegat | Mr | Michael Galea |
| sostitut | | | |

**Chairperson Mr.Joe Borg**

**Vice Chairperson Mr.Joe Muscat**

Seduta 22
27/06/2022

**HIGH VOLTAGE SHORE CONNECTION SYSTEM IN THE GRAND HARBOUR - KUMPANIJA LI REBĦET IT-TENDER**

**1721. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: In kwantu għat-Tender IM014/2020, Professional Services In Connection With The Supervision and

Works Certification for Works Tender IM006/2020 (Tender for High Voltage Shore Connection System in the Grand Harbour), liema tender ġie mirbuħ mill-kumpanija li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament, jista' l-Ministru jagħti lista ta' min huma l-Key Experts li jitlob it-tender u l-kwalifiki u l-esperjenza li ssottomettew li għandhom?

20/06/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Grand Harbour Clean Air Project (GHCAP) huwa investiment ambjentali ta' €49.9 miljun fil-Port il-Kbir sabiex vapuri tal-passiġġieri u dawk li jġorru l-merkanzija jkunu jistgħu jitfu l-magni tagħhom li jaħdmu bil-gasoil jew heavy fuel oil u minflok iqabbdu mas-sistema għall-provvista tal-elettriku li se jkun hemm fuq ix-xatt, sabiex iħaddmu l-makkinarju għas-servizzi kollha li jkun hemm bżonn jipprovdu waqt li jkunu weqfin fil-port.
B'dan l-investiment kofinanzjat mill-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa tal-Unjoni Ewropea, Infrastructure Malta qed tnaqqas b'90% t-tniġġis tal-arja li dawn il-vapuri jikkawżaw fil-Port il-Kbir, biex nagħtu arja aktar nadifa lil 17,000 familja li jgħixu madwar il-Port il-Kbir.
L-ewwel konnessjonijiet għad-distribuzzjoni tal-elettriku mix-xatt lill-vapuri tal-passiġġieri fix-Xatt ta' Pinto, il-Furjana u f'Boiler Wharf, l-Isla huma skedati li jibdew joperaw fit-tieni kwart tal-2023, biex Malta tkun minn tal-ewwel fl-Ewropa li tadotta din it-teknoloġija ambjentali fuq skala ta' port sħiħ.

Studji prelimarji jindikaw li permezz ta' GHCAP, fuq medda ta' 20 sena Malta se tiffranka sa €375 miljun fi spejjeż ikkawżati mit-tniġġis fl-arja, bħal dawk ta' saħħa u kura medika kif ukoll sabiex jittaffew l-impatti tat-tniġġis fuq l-ambjent naturali, fuq l-infrastruttura u fuq l-agrikoltura. Il-proġett se jnaqqas ukoll l-inkonvenjent tal-istorbju u t-tregħid tal-magni fil-Port il-Kbir.
B'dan il-proġett, Infrastructure Malta se tnaqqas drastikament l-emissjonijiet mill-vapuri tal-passiġġieri li jiġu Malta. Ladarba jkunu qed jitfu l-magni, il-vapuri tal-passiġġieri li jżuruna jibdew jarmu 93% inqas ossidji tan-nitroġenu (nitrogen oxides), 92.6% inqas materja f'partiċelli (particulate matter) u 99.6% inqas dijossidu tal-kubrit (sulphur dioxide). Dawn huma fost l-aktar emissjonijiet li jikkaġunaw mard respiratorju u problemi oħra ta' saħħa.
L-ewwel fażi tal-Grand Harbour Clean Air Project se jnaqqas ukoll b'39.6% l-emissjonijiet ta' dijossidu tal-karbonju (carbon dioxide), li qed jikkawżaw l-emerġenza fil-klima.

Ftit ġimgħat ilu, l-aġenzija poġġiet l-aħħar medda ta' cables taħt l-art tan-netwerk ta' tmien kilometri ta' 33 kilovolt li se jwassal l-elettriku miċ-ċentru tad-distribuzzjoni ewlieni ta' Enemalta plc fuq l-Għolja tal-Ġi¿witi, il-Marsa lejn iż-żewġ frequency converter stations ġodda tal-proġett li jinsabu ħdejn Xatt l-Għassara tal-Għeneb (Deep Water Quay) fil-Marsa u f'Xatt il-Boiler, l-Isla. Dan is-sajf, se tkun qed tlesti dan in-netwerk bit-tqegħid ta' 800 metru ta' cables f'qiegħ il-baħar minn ħdejn il-Moll tal-Pont (Bridge Wharf), fil-Marsa lejn il-Moll tal-Faħam (Coal Wharf), f'Kordin.
Sadattant, Infrastructure Malta poġġiet ukoll 20 kilometru minn netwerk ieħor ta' 90 kilometru cables oħrajn ta' 11-il kilovolt u cables ta' komunikazzjoni li ser jgħaqqdu t-tagħmir fil-frequency converter stations mal-istazzjonijiet max-xatt u s-17-il punt ta' konnessjoni għal mal-vapuri li se jkun hemm fuq il-mollijiet madwar il-Port il-Kbir, fil-Belt Valletta, il-Furjana, il-Marsa u l-Isla.
Iż-żewġ frequency converter stations ġodda jinsabu ħdejn Xatt l-Għassara tal-Għeneb fil-Marsa u f'parti minn tinda kbira ta' żmien l-Ingliżi li hemm f'Boiler Wharf, l-Isla. L-inġiniera u t-tekniċi issa qegħdin jgħammru dawn l-istazzjonijiet bis-sistemi meħtieġa, li jinkludu 18-il transformer li jvarjaw minn 0.5MVA għal 21 MVA, erba' frequency converters u 71 switchgear units biex flimkien jikkontrollaw u jikkonvertu d-distribuzzjoni tal-elettriku għall-frekwenzi meħtieġa mill-vapuri li jżuru l-Port il-Kbir.
Il-proġett ser jintroduċi d-distribuzzjoni tal-elettriku mill-mollijiet prinċipali tal-Port il-Kbir għall-vapuri tal-passiġġieri fil-Furjana, il-Marsa u l-Isla. Infrastructure Malta mbagħad se testendi ukoll din it-teknoloġija lejn Xatt il-Laboratorju u Ras Ħan¿ir (Fuel Wharf), f'Raħal Ġdid, ix-Xatt ta' Lascaris fil-Furjana u partijiet mit-Tarzna ta' Palumbo u l-Mediterranean Maritime Hub. F'Ras Ħan¿ir, Infrastructure Malta daqt tniedi l-bini ta' faċilità ġdida ta' 360 metru għall-immaniġġjar tal-merkanzija biex iżżid il-kapaċità, l-flessibbiltà u l-effiċjenza tal-Port.

Fl-2020, qabel bdew ix-xogħlijiet fuq il-proġett, il-Kummissjoni Ewropea inkludiet il-GHCAP f'lista ta' 140 proġett infrastrutturali għat-trasport madwar l-Ewropa li se jkunu kofinanzjati permezz tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, l-iskema ta' fondi tal-Unjoni Ewropea li tappoġġa infrastruttura għal trasport aktar sostenibbli.
Qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra l-lista tal-key experts li jitlob it-tender indikat.

Sedua 22
27/06/2022

**BORĠ IN-NADUR – KUNTRATT TAX-XIRI TA' ART**

**1805. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra l-kuntratt tax-xiri tal-art ġewwa Borġ in-Nadur ta' €200,000?

20/06/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** It-tagħrif mitlub se jingħata f'xi seduta oħra.

Sedua 22
27/06/2022

**FILM JURASSIC WORLD DOMINION – FTUĦ UFFIĊJALI**

**1806. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jippubblika breakdown taċ-ċifra ta' kemm ġie jiswa l-ftuħ uffiċjali tal-film Jurassic World Dominion f'Malta?

20/06/2022

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tagħrif għadu qed jinġabar.

Seduta 22
27/06/2022

**FOND GĦALL-PRODUZZJONIJIET TA' FILMS MALTIN**

**1807. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jgħid hux fil-ħsieb li jorganizzaw jew jinċentivaw il-ftuħ ta' films Maltin bħalma għamel għall-produzzjoni Amerikana Jurassic World Dominion? Jikkonsidra li jkun hemm fond għall-produzzjonijiet Maltin?

20/06/2022

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Kummissjoni għal Films dejjem lesta biex tgħin u tippromwovi l-industrija lokali tal-films, kif dejjem sar f'dawn l-aħħar snin.

Seduta 22
27/06/2022

**CHILDCARE CENTRES**

**1808. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid:

a. Kemm hawn childcare centres f'Malta;
b. Kemm hawn nies li jaħdmu f'childcare centres;
ċ. Kemm hemm nuqqas ta' child carers fi ħdan dawn ic-childcare centres; u
d. Jekk hemmx xi pjanijiet jew miżuri biex iħajjar aktar nies japplikaw u jsegwu l-korsijiet ta' child carers fi ħdan childcare centres?

20/06/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi bħalissa hawn reġistrati mija sitta u sittin (166) ċentru għall-ħarsien tat-tfal u hemm impjegati elf, mitejn u disgħa u sebgħin persuna (1279). Il-maġġoranza assoluta taċ-ċentri huma kollha negozji privati. Kull min jixtieq jilħaq childcare educator (MQF livell 4) kif ukoll

childcare manager (MQF livell 5) jista' jagħmel dan billi isegwi korsijiet minn providers differenti li jkollhom parti kbira mill-prattiku li jsir fuq il-post tax-xogħol stess (fiċ-ċentri għal-ħarsien tat-tfal).

Seduta 22
27/06/2022

**FONDI GĦAL KUMPANIJI MALTIN U PRODUCERS FIL-QASAM TAL-AWDJOVIŻIV**

**1809. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm fondi allokati għal kumpaniji Maltin u producers li jaħdmu fil-qasam tal-awdjoviżiv?

20/06/2022

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-produzzjonijiet awdjoviżivi Maltingħandhom aċċess għal diversi skemi u fondi, amministrati kemm mill-Kummissjoni Ċinematografika ta' Malta kif ukoll minn entitajiet oħra. Infakkarha wkoll li l-produzzjonijiet lokali jistgħu jibbenefikaw minn inċentiv finanzjarju ta' 40% cash rebate.

Seduta 22
27/06/2022

**FONDI GĦAL KUMPANIJI MALTIN U PRODUCERS FIL-QASAM TAL-AWDJO VIŻIV**

**1810. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm fondi allokati għal kumpaniji Maltin u producers li jaħdmu fil-qasam tal-awdjoviżiv?

20/06/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ninsab infurmat li l-iskema Kultura TV hija miftuħa esklussivament għall-kumpaniji Awdjoviżivi rreġistrati mal-Malta Business Registry u għall-istazzjonijiet free-to-air u privati awtorizzati mill-Malta Broadcasting Authority. L-iskema għandha allokazzjoni ta €240,000.

Seduta 22
27/06/2022

**AĠENZIJA GĦAS-SERVIZZI TAL-QRATI – UNLOCKING TA' MOBILE PHONES INVOLUTI F'INKJESTI MAĠISTERJALI**

**1819. L-ONOR. KAROL AQUILINA** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja: Jista' l-Ministru jispjega għaliex riċentement l-Aġenzija għas-Servizzi tal-Qrati bdiet tindaħal fil-proċedura adottata minn esperti inkarigati mill-Qorti f'inkjesti maġisterjali li jkollhom bżonn jieħdu mobile phones barra minn Malta sabiex jiġu unlocked? Jaf il-Ministru li fil-preżent hemm numru ta' inkjesti maġisterjali li jinvolvu persuni esposti politikament (PEPs) f'każijiet ta' korruzzjoni u ta' ħasil ta' flus li jinsabu weqfin minħabba dan l-iżvilupp mill-Aġenzija għas-Servizzi tal-Qrati? Jaf il-Ministru li d-ditti u kumpaniji barranin li huma sidien tas-software użat biex mobile phone jiġi unlocked qegħdin jirrifjutaw li jikkoperaw mal-Aġenzija għas-Servizzi tal-Qrati għaliex mhumiex jafdawha f'dan ir-rigward?

20/06/2022

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Kontra l-impressjoni li tipprova tingħata fid-domanda tal-Onor. Interpellant, l-inkjesti jitmexxew b'mod għalkollox indipendenti mill-Maġistrati. L-aġenzija għas-servizzi tal-Qrati (CSA) ma

jkollha ebda viżibiltà għall-provi jew xhieda li jkunu qed jinġabru bħala parti mill-inkjesti. Meta l-aġenzija tintalab tipproċessa talbiet marbuta ma’ ħlas jew ingaġġ tagħmel dan bl-iktar mod effiċjenti.

Seduta 22
27/06/2022

**ENEMALTA P.L.C. – ANTI-MONEY LAUNDERING POLICY**

**1820. L-ONOR. KAROL AQUILINA** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista’ l-Ministru tpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tal-anti-money laundering policy tal-kumpanija Enemalta p.l.c.?

20/06/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li r-risposta tingħata f’seduta oħra

Sedua 22
27/06/2022

**KONSULENT LEGALI TAL-MINISTERU GĦALL-ĠUSTIZZJA – INDIVIDWU**

**1821. L-ONOR. KAROL AQUILINA** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja: Jista’ l-Ministru jpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tal-kuntratt tal-individwu li d-dettalji dwaru qed jingħataw separatament, liema individwu kien u/jew għadu konsulent legali tal-Ministeru għall-Ġustizzja u l-Ugwaljanza u l-Governanza u/jew tal-Ministeru għall-Ġustizzja?

20/06/2022

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra d-dokument mitlub.

Seduta 22
27/06/2022

**KORP TAL-PULIZIJA – KAŻIJIET TA’ VJOLENZA DOMESTIKA**

**1822. L-ONOR. KAROL AQUILINA** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid, sena b'sena, mis-sena 2013 sad-data li tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, kemm-il rapport irċieva l-Korp tal-Pulizija dwar vjolenza domestika? Jista' l-Ministru jgħid dwar kemm minn dawn ir-rapporti nbdew proċeduri fil-konfront ta' xi persuna u x'kien l-eżitu ta' dawn il-proċeduri?

20/06/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi n-numru ta’ rapporti li ġew reġistrati fis-sistema tal-Pulizija mis-sena 2013 sal-aħħar ta’ Mejju 2022, huwa kif jidher fit-tabella ta’ hawn taħt. Kif ġie spjegat fi tweġibiet għall-mistoqsijiet simili, fil-każijiet fejn irriżulta ksur tal-liġi wara li saru dawn ir-rapporti, il-persuni responsabbli dejjem ġew investigati u tressqu l-Qorti. Peress illi mis-sistema elettronika ma jistgħux jiġu estratti d-dettalji dwar l-eżitu tal-proċeduri li ttieħdu, l-informazzjoni kif mitluba fil-mistoqsija ma tistax tingħata.

| | **2013** | **2014** | **2015** | **2016** | **2017** | **2018** | **2019** | **2020** | **2021** | **2022** sa Mejju |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Każita’ Vjolenza Domestika | 1024 | 1048 | 1205 | 1272 | 1257 | 1341 | 1325 | 1645 | 1741 | 690 |

Seduta 22

27/06/2022

**QRATI – SEDUTI SKEDATI RIGWARD KAŻIJIET DWAR VJOLENZA DOMESTIKA**

**1823. L-ONOR. KAROL AQUILINA** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il seduta hija skedata li ssir fil-Qrati ta' pajjiżna u li matulhom ser jinstemgħu u jiġu deċiżi każijiet dwar vjolenza domestika? Jista' l-Ministru jagħti d-data ta' kull waħda minn dawn is-seduti u jindika wkoll l-isem tal-Maġistrat jew Imħallef li ser jippresiedi dawn is-seduti?

20/06/2022

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li preżentement hemm 52 seduta appuntata li huma ddedikati għall-kawżi ta' vjolenza domestika. Dawn huma kollha ppreseduti mill-Maġistrat Dr Lara Lanfranco. Dawn huma seduti li jinkorporaw reati ta' kompetenza oriġinali tal-Qorti tal-Maġistrati u li jiġu ppreżentati l-Qorti mid-DV unit tal-Korp tal-Pulizija. Dawn qed jiġu mniżżla f'tabella A u B li qed jitpoġġew fuq il-Mejda tal-Kamra.

Apparti minn dawn is-seduti, kawżi li jeżorbitaw il-kompetenza oriġinali tal-Qorti tal-Maġistrati jiġu mqassma mal-maġistrati li jiġu assenjati l-kumpilazzjonijiet. Għaldaqstant, hemm numru ta' kawżi f'seduti quddiem Maġistrati differenti li mhumiex inklużi f'din l-istatistika ta' hawn fuq.

Individwalment hemm 153 kawża li jeżorbitaw il-kompetenza oriġinali tal-Qorti tal-Maġistrati li huma mqassma ma 12 il-Maġistrat differenti kif indikati f' tabella C li qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 22
27/06/2022

**UFFIĊĊJU TAL-AVUKAT ĠENERALI – PERSUNI LI RRIŻENJAW**

**1824. L-ONOR. KAROL AQUILINA** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja: Jista' l-Ministru jgħid, sena b'sena, kemm-il persuna rriżenjat mill-impjieg tagħha minn mal-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali mis-sena 2010 sad-data li tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' l-Ministru jagħti l-kariga ta' kull persuna li rriżenjat u d-data u r-raġuni tar-riżenja tagħha?

20/06/2022

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li f'Diċembru tal-2020 ġie ffirmat l-ewwel ftehim kollettiv fejn żdiedu l-pagi u tjiebu l-kundizzjonijiet tal-gradi amministrativi fi ħdan l-uffiċċju tal-Avukat Ġenerali. Qegħdin ukoll fil-fażijiet finali biex jiġi ffirmat l-ewwel ftehim kollettiv għal-gradi legali fi ħdan dan l-ufficcju, fejn juri l-impenn tal gvern biex dawn il-ħaddiema jkollhom il-kundizzjonijiet mistħoqqa.

Qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra tabella bin-numri ta'riżenji mill-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali sena b'sena mill-2010 sat-22 ta' Ġunju 2022. Minn dawn kien hemm 14 fi gradi amministrattivi, 2 messaġġiera, 2 prokuraturi legali, u 50 oħra kienu diversi gradi ta' avukati.

Seduta 22
27/06/2022

**SKOLA TAL-ĦANDAQ – UNITS TAL-ACS**

**1825. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-units tal-ACs li se jitwaħħlu fl-Iskola tal-Ħandaq inxtrawx diġà jew le? Jekk inxtraw, jista' jgħid kif inxtraw, jekk hux b'tender jew b'direct order? Jekk ma nxtrawx, jista' jgħid kif se jinxtraw jekk hux b'tender jew b'direct order? Jista' jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra d-dokument tat-tender jew tad-direct order jekk dawn inxtraw diġà?

20/06/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-AC units li se jkunu installati fil-Middle School u fis-Senior School tal-Kulleġġ San Injazju f'Ħal Qormi (żona Tal-Ħandaq) se jinxtraw b'sejħa għall-offerti (tender). Id-dokument tat-tender għadu qed ikun preparat u għandu jkun ippubblikat fil-ġimgħat li ġejjin.

Seduta 22
27/06/2022

**KUMITAT DWAR KEMMUNA – ĦATRA TA' MEMBRI**

**1826. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu: F'kummenti li ta lill-media indipendenti fit-13 ta' Ġunju, il-Ministru għamel referenza għall-Kumitat dwar Kemmuna li se jkun qed jagħmel "pjan ħolistiku". Jista' jgħid:

(i) għal liema Kumitat kien qed jirreferi;
(ii) jekk dan il-Kumitat huwiex imwaqqaf diġà u jekk le, meta se jitwaqqaf;
(iii) min għażel jew min se jagħżel il-membri tiegħu;
(iv) ir-rekwiżiti mitluba mill-membri ta' fuq dan il-Kumitat; u
(v) it-termini ta' referenza ta' dan il-Kumitat?

20/06/2022

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 20932 tal-Leġiżlatura XIII.

Seduta 22
27/06/2022

**KEMMUNA MANAGEMENT PLAN – STUDJI DWAR IL-CARRYING CAPACITY TAL-GŻIRA**

**1827. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid jekk il-Management Plan ta' Kemmuna tal-2016 isemmix li kellhom isiru studji dwar il-"carrying capacity" tal-gżira? F'liema stadju waslu dawn l-istudji u min hu responsabbli għalihom?

20/06/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Management Plan ta' Kemmuna tal-2016 jinkludi miżura li tgħid li għandu jsir "a tourism carrying capacity assessment of the Blue Lagoon". Il-Kumitat, li kien imwaqqaf apposta biex jikkordina bejn l-entitajiet li huma involuti f'aspetti varji f'Kemmuna, ħa ħsieb li jsiru terms of reference biex ikun kummissjonat studju ta' riċerka dwar il-carrying capacity ta diversi lokalitajiet f'Kemmuna.

Dawn l-istudji ġew kummissjonati u bħalissa qed jintużaw sabiex jiġi ffinalizzat il-proċess biex tiġi stabbilita l-carrying capacity ta' Kemmuna. Il-proċess biex tiġi stabbilita il-carrying capacity jibqa' taħt ir-responsabbiltà tal-Kumitat ta' Kemmuna li għandu jerġa' jiġi kostitwit.

Seduta 22
27/06/2022

**AMBJENT MALTA – RANGERS FUQ KEMMUNA**

**1828. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid preżentement hemmx Rangers ta' Ambjent Malta fuq Kemmuna u jekk iva, x'poteri ta' infurzar għandhom?

20/06/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li filwaqt li rangers ta' Ambjent Malta għandhom rwol eduktattiv, minn dan is-sajf l-Awtorita għall-Ambjent u r-Riżorsi (ERA), se jibda jkollha enforcement officers preżenti kuljum. L-għan prinċipali huwa dak li jedukaw lin-nies dwar ir-regolamenti fuq il-gżira, inkluż dwar littering u r-regoli tal-campsite. L-uffiċjali għandhom il-fakulta li jinfurzaw ir-regoli u joħorgu penali għal min jikser il-liġijiet ambjentali.

Sedua 22
27/06/2022

**MELLIEĦA: TRIQ IL-MARFA – XOGĦOL BISWIT L-GĦAJN TAL-MELLIEĦA**

**1829. L-ONOR. ROBERT CUTAJAR** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tindika jekk sarux spezzjonijiet (u x'passi ttieħdu) minn uffiċjali tal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi (ERA) fuq xogħol li għaddej bħalissa biswit l-Għajn tal-Mellieħa fi Triq il-Marfa, fil-Mellieħa, liema xogħol jindika li mhux isir skont kif mitlub għal dik iż-żona partikolari? (Ritratti jinsabu annessi ma' din il-mistoqsija).

20/06/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi x-xogħol li għaddej fi Triq il-Marfa hu kopert b'road works permit biex jissewwa ħajt mat-triq li kien fil-periklu li jaqa'. L-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi (l-ERA) ikkordinat mal-Awtorità tal-Ippjanar u ngħataw istruzzjonijiet biex jitnaddaf kull materjal li seta' waqa' fil-wied. L-ERA spezzjonat s-sit darbtejn fl-20 u l-21 t' Ġunju fejn ġie nnotat illi l-materjal li deher jaqa fil-wied biswit it-triq fuq filmat li ċċirkola fuq l-media soċjali fl-20 ta' Ġunju, ġie mneħħi.

Sedua 22
27/06/2022

**MELLIEĦA: TRIQ IL-MARFA – XOGĦOL BISWIT L-GĦAJN TAL-MELLIEĦA**

**1830. L-ONOR. ROBERT CUTAJAR** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jindika jekk sarux spezzjonijiet (u x'passi ttieħdu) minn uffiċjali tal-Awtorità tal-Ippjanar fuq xogħol li għaddej bħalissa biswit l-Għajn tal-Mellieħa fi Triq il-Marfa, fil-Mellieħa, liema xogħol jindika li mhux isir skont kif mitlub għal dik iż-żona partikolari? (Ritratti jinsabu annessi ma' din il-mistoqsija)

20/06/2022

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li x-xogħlijiet inkwistjoni relatati mat-triq, huma koperti bil-permess għat-toroq RWP1-1178/22. Għaldaqstant, min-naħa tal-Awtorità tal-Ippjanar, dawn huma meqjusa li jikklassifikaw taħt żvilupp permessibbli skont Klassi 3 ta' Notifikazzjoni dwar Żvilupp, A.L.211 tal-2016.
Ninsab infurmat li l-Awtorità tal-Ippjanar ikkonsultat mal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi dwar il-passi li jeħtieġ jittieħdu.

Seduta 22
27/06/2022

**TALBIET GĦAL KUMPENS RIGWARD ĦSARAT FUQ VETTURI MINĦABBA STAT TA' TOROQ ĦAŻIN**

**1840. L-ONOR. REBEKAH CILIA** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 1017 u jgħid kemm saru talbiet għal kumpens rigward ħsarat li ġarrbu vetturi minħabba l-istat ħażin tat-toroq fis-sena 2021? Jista' jagħti l-informazzjoni minn liema lokalità sar kull ilment? Jista' jgħid kemm minn dawn it-talbiet kienu aċċettati u kemm ingħataw kumpens f'kull każ?

21/06/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li Infrastructure Malta tikkunsidra talbiet ġustifikati għal kumpens biex jagħmel tajjeb għal ħsarat f'vetturi li jinstab li kienu kkawżati minn nuqqasijiet f'toroq arterjali li jaqgħu taħt ir-responsabiltà tal-istess aġenzija, jew f'toroq fejn ikunu għaddejjin xogħlijiet tal-istess aġenzija. Talbiet għal kumpens għal ħsarat f'vetturi kkawżati minn nuqqasijiet f'toroq residenzjali jew sekondarji jiġu mgħoddija lill-kunsilli lokali rispettivi għall-kunsiderazzjoni tagħhom, peress li r-responsabità tal-manutenzjoni ta' dawn it-toroq taqa' f'idejhom. Talbiet għal kumpens għal ħsarat ikkawżati minn kuntratturi li jkunu qed jagħmlu xogħol fit-toroq jiġu mgħoddija lill-kuntratturi konċernati.

Fl-2021, Infrastructure Malta rċeviet 126 talba għal kumpens ta' danni fuq vetturi kkawżati minn nuqqasijiet fit-toroq Maltin, kemm dawk arterjali u lokali. Dawn it-talbiet ġew investigati u 43 minnhom instab li seħħew f'toroq arterjali jew waqt xogħlijiet tal-aġenzija u kienu ġustifikati u ntlaqgħu. Il-każijiet l-oħrajn ġew mgħoddija lill-kunsilli lokali għaliex kienu jinvolvu ħsarat li seħħew fit-toroq tagħhom jew lill-kuntratturi responsabbli mix-xogħlijiet li allegatament ikkawżaw l-istess ħsarat. Ikun hemm ukoll każijiet li jinstab li ma jkunux ġustifikati.

L-43 każ ġustifikati li għalihom ingħata kumpens huma kif ġej:

| Lokalità | Total ta' kumpens (€) | Każijiet |
|---|---|---|
| Birkirkara | 392.00 | 3 |
| Bormla | 1,665.54 | 3 |
| Burmarrad | 731.80 | 6 |
| Il-Fgura | 168.00 | 1 |
| Ħal Lija | 659.96 | 9 |
| Ħal Luqa | 3,094.31 | 11 |
| Il-Marsa | 106.20 | 2 |
| L-Imqabba | 163.00 | 1 |
| In-Naxxar | 658.00 | 2 |
| San Pawl il-Bahar | 136.00 | 1 |
| Is-Siggiewi | 160.00 | 1 |
| Santa Venera | 3,313.60 | 2 |
| Is-Swieqi | 181.00 | 1 |

Seduta 22
27/06/2022

**TFAL TAĦT CARE ORDERS**

**1841. L-ONOR. REBEKAH CILIA** staqsiet lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 876 u jgħid kemm hawn tfal taħt care order illum u x'inhi r-raġuni għalfejn inħarġu dawn il-care orders?

21/06/2022

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ngħarraf lill-Onor. Interpellanta li mir-records tad-Direttorat għall-Ħarsien tat-Tfal (Protezzjoni tal-Minuri) u d-Direttorat għall-Kura Alternattiva (Tfal u Żagħżagħ) fi ħdan il-Fondazzjoni għas-Servizzi ta' Ħarsien Soċjali (FSWS) preżentement hawn441 minuri protetti skont l-Ordnijiet varji li jippermetti l-Att dwar il-Protezzjoni tal-Minuri (Kura Alternattiva), Kap 602 tal-Liġijiet ta' Malta.
Dawn l-Ordnijiet varji huma elenkati u dettaljati fit-Tabella Nru 1, hawn taħt.

**Tabella Nru 1: Ordnijiet għall-Protezzjoni tal-Minuri Skont Kap 602 (Mejju, 2022)**

| | |
|---|---|
| 290 | Ordnijiet ta' Ħarsien attivi fuq minuri taħt it-18 -il sena |
| 6 | Ordinijiet ta' Emerġenza ikkonvalidati mill-Qorti tal-Minorenni fuq minuri taħt it-18-il sena |
| 15 | Ordni Proviżorju *pendente lite* quddiem il-Qorti tal-Minorenni li qed tisma' l-provi sabiex tkun ikkonfermata Ordni ta' Ħarsien |
| 75 | Ordni ta' Ħarsien attivi taħt l-art 21 tal-Kap. 602 tal-liġijiet ta' Malta, ossia ordnijiet ta' unaccompanied minors |
| 51 | Ordnijiet Proviżorji ta' Ħarsien taħt l-art 21 tal-Kap. 602 tal-liġijiet ta' Malta, ossia ordnijiet ta' unaccompanied minors |
| 4 | Ordnijiet ta' Superviżjoni |

L-ordnijiet hawn imsemmija jkunu inħarġu minħabba raġunijiet varji, illi essenzjalment u inġenerali jistgħu jkunu miġbura fil-kategoriji sussegwenti:

1. Illi l-minuri inkwistjoni instab illi hu f'riskju li jsofri, jew li qed isofri abbuż fuq il-persuna tiegħu jew fuq il-psike (*psyche*) tiegħu
2. Illi l-minuri inkwistjoni safa waħdu minħabba li l-ġenituri telqu, jew inkella mietu u allura l-minuri spiċċa orfni mingħajr il-possibilà illi jkun miġbur mal-familja
3. Illi l-minuri inkwistjoni hu minuri illi wasal Malta u għamel talba għal refuġju, u li meta wasal Malta kien mingħajr akkumpanjament ta' kuratur adult.

Seduta 22
27/06/2022
**MTA – LIĊENZJI - ARRETRATI**

**1842. L-ONOR. REBEKAH CILIA** staqsiet lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 574 u jgħid l-Awtorità Maltija tat-Turiżmu kemm għandha arretrati x'tiġbor f'liċenzji minn operaturi turistiċi mill-2013 sal-lum, maqsuma sena b'sena?

21/06/2022

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 574.

Seduta 22
27/06/2022

**FOSTERING TA' TFAL**

**1843. L-ONOR. REBEKAH CILIA** staqsiet lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jwieġeb it-tieni parti tal-mistoqsija parlamentari 879 u jgħid kemm ġew fostered tfal minn pajjiżi barranin matul is-sena l-oħra?

21/06/2022

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ngħarraf lill-Onor. Interpellanta li ma kienx hemm każijiet ta' tfal li nġibu Malta esklussivament biex ikunu fostered.

Però tfal li mhumiex Maltin, iżda li ġew fostered is-sena l-oħra, hemm total ta' 13-il tifel u tifla ta' nazzjonalità barranija li ġew fostered. Dawn il-minuri kienu diġà jirrisjedu Malta fiż-żmien ta' meta daħlu fis-sistema ta' kura alternattiva.

| NATIONALITY | Total |
|---|---|
| Philippino | 1 |
| Libian | 1 |
| Nepalese | 1 |
| Moldovian | 1 |

| | |
|---|---|
| Italo-Greek | 1 |
| Romanian | 1 |
| Austrian | 2 |
| Nigerian | 2 |
| Italian | 3 |

Seduta 22
27/06/2022

**IMĠARR MALTA – LISTA TA' TOROQ - XOGĦLIJIET**

**1844. L-ONOR. REBEKAH CILIA** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jagħti l-lista ta' toroq li hu mistenni li jagħmel mill-ġdid, jew jagħmel manutenzjoni fuqhom fl-Imġarr, Malta? Jista' jipprovdi l-programm u jispjega kif qed jagħmel, jew se jagħmel, dan ix-xogħol?

21/06/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li fl-ewwel ħames xhur tal-2022, ir-raba' sena tal-programm nazzjonali għat-titjib ta' toroq residenzjali, Infrastructure Malta lestiet il-bini mill-ġdid ta' madwar 90 triq residenzjali li flimkien iġibu 19-il kilometru oħra ta' toroq b'infrastruttura ta' kwalità ogħla. Dan ifisser medja t'erba' toroq fil-ġimgħa kif kienet fl-2021 li matulha l-aġenzija lestiet 220 triq residenzjali.

Infrastructure Malta tejbet il-kwalità ta' dawn it-toroq fl-istess żmien li kompliet għaddejja bi proġetti kbar f'toroq arterjali u faċilitajiet marittimi f'pajjiżna, ukoll b'ħidma ta' titjib tat-toroq rurali u programm kontinwu ta' tiswijiet u manuntenzjoni f'ħafna toroq oħrajn.

Fl-Imġarr l-aġenzija diġà bniet mill-ġdid u għamlet titjib fi Triq Ġnien id-Dwieli, triq ġdida fi Triq San Pietru, Triq Ras il-Ġebel,Triq Madre Tereża, Triq Xagħra tal-Knisja, Triq Dun Ġużepp Micallef, Triq San Filippu, Triq Barbara, Misraħ is-Sebbieħ, Triq Fisher, Triq il-Kbira, Triq l-Għansar, Triq il-Fuħħar l-Aħmar, Triq Profs David H Trump, triq ġdida fi Triq l-Alwiża, Triq l-Imġarr, Triq Sir Temi Zammit li fiha bniet ukoll roundabout ġdida, Triq Sentinarju, triq bla isem fil-limiti tal-Lippija, Triq Fomm ir-Riħ, Triq tat-Taqsisa, Triq tal-Ħaddedin, Trejqa tal-Qala, Triq Lazzru Pisani, Ta' Ħalqun fl-inħawi Ta' Santi, Trejqet it-Tafal ta' San Ġwann, Triq Għajn Tuffieħa u Triq Binġemma.

Bħalissa qed isiru xogħlijiet fi Triq iż-Żebbiegħ, Saqa in-Naħal u triq rurali ħdejn Ras il-Wied, waqt li diġà hemm ippjanati biex fiż-żmien li ġej jinbdew xogħlijiet fi Triq l-Iskorvit, Sqaq Sant'Isidorju, Triq il-Konkors Teatrali, triq bla isem fi Triq Fomm ir-Riħ, it-triq li minn Għajn Tuffieħa twassal għax-Xemxija, sqaq fi Triq il-Wilga (Manikata), Triq is-Santi u s-sqaq ġo fiha, triq bla isem ħdejn Triq il-Palma u Trejqet Fidloqqom.

Seduta 22
27/06/2022

**IL-MELLIEĦA – BINI TA' APPARTAMENTI ĠODDA**

**1845. L-ONOR. ROBERT CUTAJAR** staqsa lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jindika f'liema żona fil-Mellieħa ser ikunu qed jinbnew appartamenti ġodda? Kemm hu n-numru ta' dawn l-appartamenti u meta mistennija li dawn ikunu lesti biex familji/individwi jabitaw fihom?

21/06/2022

**ONOR. RODERICK GALDES:** It-tagħrif mitlub se jingħata f'xi seduta oħra.

Seduta 22
27/06/2022

**KEMMUNA – CARRYING CAPACITY**

**1846. L-ONOR. MARIO DE MARCO** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid jekk sarx l-istudju dwar il-carrying capacity ta' Kemmuna taħt il-Comino Management Plans u f'każ li sar, tistax tippreżenta kopja ta' dan l-istudju lill-Parlament?

21/06/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi għat-tweġiba li ngħatat għall-Mistoqsija Parlamentari 1827.

Seduta 22
27/06/2022

**AVVIŻI LEGALI 161 U 163 TAL-2022 - KONSULTAZZJONI**

**1847. L-ONOR. MARIO DE MARCO** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jindika min ġie kkonsultat qabel il-ħruġ tal-Avviżi Legali 161 u 163 tal-2022 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Ħinijiet tal-Ftuħ tan-Negozji?

21/06/2022

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Fl-aħħar snin il-Gvern imbarka fuq numru kbir ta' proġetti li taw ħajja ġdida lill-Belt Valletta. Proġetti li ngħataw relevanza ikbar bl-investiment li sar ukoll mis-settur privat. Grazzi għall-inizjattivi li ttieħdu, il-Belt esperjenzat żvilupp sostenibbli, it-tisbiħ u rinovar taż-żoni residenzjali u bini dilapitat kien irrestawrat u beda jintuża għal raġunijiet diversi. Bħala parti minn dan il-proċessi l-Gvern kontiwament jirċievi ideat, suġġerimenti u lmenti.
Li hu żgur li, kontra l-impressjoni li kien hemm min ipprova jagħti, il-Gvern m'għandu ebda ħsieb li l-Belt tinbidel f'Paceville ieħor. Minflok, l-Avviż Legali jirrifletti r-realtajiet tal-kapitali u għalhekk jgħid li għandha tindaqq mużika moderata f'numru ta' toroq biss. Hu proprju għalhekk ukoll li l-avviż legali jitkellem fuq mużika moderata biss fil-ħin tal-estensjoni.

Sedua 22
27/06/2022

**MELLIEĦA - ĊIMITERJI – TINDIF U MANUTENZJONI**

**1848. L-ONOR. ROBERT CUTAJAR** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid min hu responsabbli għat-tindif u manutenzjoni taż-żewġ Ċimiterji tal-Mellieħa?

21/06/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-uffiċċju Regolatorju għad-Dfin fi ħdan id-Direttorat għas-Saħħa Ambjentali fil-Ministeru għas-Saħħa hu responsabbli għat-tindif u manutenzjoni taċ-ċimiterju Sultana tal-Vitorji u taċ-ċimiterju Omm il-Ħniena fil-Mellieħa.

Sedua 22
27/06/2022

**MELLIEĦA - ĊIMITERJU SULTANA TAL-VITTORJI – PERMESS GĦAL UŻU TA' KIMIKA JEW TRATTAMENTI KONTRA INSETTI**

**1849. L-ONOR. ROBERT CUTAJAR** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jindika jekk fl-aħħar xhur kienx hemm permessi lil terzi, mogħtija

mill-Awtoritajiet tas-Saħħa, sabiex dawn jużaw kimika jew trattament ieħor kontra tipi ta' insetti fiċ-Ċimiterju Sultana tal-Vittorji fil-Mellieħa?

21/06/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-ebda talba jew awtorizzazjoni ma intalbet jew ingħatat lil terzi persuni sabiex jagħmlu trattament kimiku għal kontra tipi ta' insetti fic-cimiterju Sultana tal-Vitorji f'dawn l-aħħar xhur. Meta jkun hemm bżonn isir trattament għal ġrieden u wirdien mis-sezzjoni tal-Pest Control tad-Direttorat għas-Saħħa Ambjentali dejjem fuq talba mill-Uffiċċju regolatorju għad-Dfin.

Sedua 22
27/06/2022

**TMEXXIJA TA' ĊIMITERJI**

**1850. L-ONOR. ROBERT CUTAJAR** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jikkonferma jekk il-Gvern hux qed jikkunsidra li t-tmexxija ta' numru ta' ċimiterji f'pajjiżna tgħaddi f'idejn il-Kunsilli Lokali?

21/06/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-Gvern f'dan il-mument mhux qed jikkunsidra li t-tmexxija taċ- ċimiterji jgħaddi f'idejn il-Kunsilli Lokali.

Sedua 22
27/06/2022

**FGURA – PROBLEMI TA' KONĠENSTJONI TAT-TRAFFIKU**

**1853. L-ONOR. AMANDA SPITERI GRECH** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jindika jekk fil-lokalità tal-Fgura hemmx pjani, inkluż permezz ta' studji relatati, biex jiġu indirizzati aħjar il-problemi ta' konġestjoni ta' traffiku li jinġabru f'diversi ħinijiet tal-ġurnata?

21/06/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li t-tagħrif għadu qed jinġabar.

Sedua 22
27/06/2022

**IMQABBA – TWAĦĦIL TA' BUS STOP SHELTERS FIL-BYPASS**

**1854. L-ONOR. AMANDA SPITERI GRECH** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jinforma lill-Kamra meta se jkunu qed jeħlu l-bus stop shelters li għandhom isiru fil-Bypass tal-Imqabba?

21/06/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li b'riferenza għall-Mistoqsija Parlamentari numru 1854 din għandha tiġi riferuta lill-Ministeru konċernat.

Seduta 22
27/06/2022

**IMQABBA – TWAĦĦIL TA’ BUS STOP SHELTERS FIL-BYPASS**

**1855. L-ONOR. AMANDA SPITERI GRECH** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista’ l-Ministru jinforma lill-Kamra meta se jkunu qed jeħlu l-bus stop shelters li għandhom isiru fil-Bypass tal-Imqabba?

21/06/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li infurmat li l-Kunsill Lokali tal-Imqabba kien għamel talba formali sabiex jeħel bus shelter ma’bus stop bl-isem ‘Saljatura’ fi Triq il-Qrendi, l-Imqabba lura fit-18 ta’ Marzu 2021. Sfortunatament il-proċess jinsab wieqaf minħabba proċeduri fil-Qorti.

Seduta 22
27/06/2022

**AWTORITÀ TAL-ARTIJIET – SKEMA GĦAL XIRI TA’ PROPRJETÀ GĦAL MIN GĦANDU RESIDENZA B’TITOLU TA’ QBIELA**

**1856. L-ONOR. AMANDA SPITERI GRECH** staqsiet lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista’ l-Ministru jgħid meta se tkun estiża ma’ Malta kollha l-iskema li ħarġet biex min għandu residenza b’titolu ta’ qbiela jkun jista’ jixtri l-proprjetà mingħand l-Awtorità tal-Artijiet?

21/06/2022

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-skema inkwistjoni tapplika diġà għat-territorju kollu tal-gżejjer Maltin fil jiem li ġejjien ser jitħabbru rati ta ħlas sabiex ikun jistagħu jiġu pproċessati l-ewwel applikazzjonijiet.

Seduta 22
27/06/2022

**SPECIAL OLYMPICS: ĊERIMONJA TAL-FTUĦ - RENDIKONT TAL-INFIQ**

**1857. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 1561, jista' l-Prim Ministru jgħid min kien jew kienu l-Ministri kkonċernati minn dan l-infiq?

21/06/2022

**ONOR. ROBERT ABELA:** L-Onor. Interpellant għandu jagħmel id-domanda tiegħu lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali.

Seduta 22
27/06/2022

**TA’ QALI CRAFTS VILLAGE – AREA TA’ PARKEĠĠ**

**1863. L-ONOR. REBEKAH CILIA** staqsiet lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista’ l-Ministru jgħid jekk ir-rapporti li operaturi privati ħadu kontroll ta’ area ta’ parkeġġ viċin Ta’ Qali Crafts Village li qabel kienet pubblika humiex veritieri? Jekk iva, jista’ jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-qbil bejn il-Gvern u dawn l-operaturi privati? Jekk m’hemmx kuntratt, jista’ jgħid x'passi ħa jew se jieħu l-Gvern biex dawn l-affarijiet ma jsirux?

21/06/2022

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li lura fl-2019 wara sejħa pubblika , ingħata encroachment ta’ art biex jintuża għall-parkeġġ, b’numru ta’ kundizzjonijiet fosthom li jsir tindif tal-post li li l-operatur jista’ jopera bejn is-18.00 u s-06.00.

Il-peremss ġie mġedded minħabba li waqt il-pandemija ma sarux avvenimenti tal-massa, fuq parti iżgħar ta' art u l-kuntratt għal żmien iqsar.
Wara li dehru rapporti fuq il-media, dwar abbużi fil-ħin li kien qed jaħdem fih l-operatur, l-INDIS ħadet id-deċiżjoni li twaqqaf il-kuntratt ta' encroachment fis-27 ta' Mejju 2022.

Seduta 22
27/06/2022

**AIR MALTA AVIATION SERVICES LTD. – REKLUTAĠĠ TA' ĦADDIEMA**

**1864. L-ONOR. RYAN CALLUS** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 1678, jista' l-Ministru jgħid f'liema gradi jew designation ġew impjegati t-23 impjegat ġdid tal-Air Malta Aviation Services Ltd. bejn l-2018 u l-2022? Jista' jgħid jekk dawk li rriżenjaw ingħatawx l-opportunità li jingħataw impjieg mal-Gvern bħall-kumplament tal-ħaddiema tal-Air Malta?

21/06/2022

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ngħarraf lill-Onor. Interpellant illi l-informazzjoni mitluba qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 22
27/06/2022

**AIR MALTA – ĦADDIEMA LI APPLIKAW TAĦT L-ISKEMA TAL-VOLUNTARY TRANSFER EMPLOYMENT SCHEME**

**1865. L-ONOR. RYAN CALLUS** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 1679, jista' l-Ministru jgħid kemm mill-577 li applikaw għall-VETS kellhom kuntratt fuq bażi ristretta (definite) mal-Air Malta u jekk dawn issa ngħatawx impjieg permanenti mal-RSSL jew il-Gvern?

21/06/2022

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ngħarraf lill-Onor. Interpellant illi mill-577 ħaddiem tal-Air Malta li applikaw għall-VETS kien hemm 3 (tliet) ħaddiema li kienu fuq bażi ristretta (definite) u s'issa wieħed ingħata impjieg mal-RSSL jew il-Gvern.

Seduta 22
27/06/2022

**AIR MALTA – XOGĦOL TA' GROUND HANDLING**

**1866. L-ONOR. RYAN CALLUS** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 1681, jista' l-Ministru jgħid liema kumpanija se tibda tagħmel ix-xogħol ta' ground handling għall-Air Malta? Jikkonferma li l-Air Malta daħlet bi sħab ma' kumpanija Taljana biex twaqqaf kumpanija ġdida tal-ground handling?

21/06/2022

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi r-risposta ser tingħata f'Seduta oħra.

Seduta 22
27/06/2022

**AIR MALTA: - DISKUSSJONIJIET MAL-KUMMISSJONI EWROPEA DWAR APPROVAZZJONI TA' STATE AID GĦALL-AIR MALTA**

**1867. L-ONOR. RYAN CALLUS** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jagħti dettalji dwar fiex waslu d-diskussjonijiet mal-Kummissjoni Ewropea fuq l-approvazzjoni ta' pakkett ġdid ta' state aid għall-Air Malta?

21/06/2022

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li d-diskussjonijiet mal-Kummissjoni Ewropea għall-għoti ta' state aid għadhom għaddejin, għaldaqstant mhux propizju li jingħataw tweġibiet qabel l-għeluq ta' dawn in-negozjati

Seduta 22
27/06/2022

**MALTA BUSINESS REGISTRY - KIRJA TAL-POST**

**1868. L-ONOR. RYAN CALLUS** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 24716 li saret fil-11 ta' Frar li għadda matul it-13 il-Leġiżlatura u ċjoè: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 24101 u 23534 u ċjoè: B'referenza għat-tweġiba mogħtija għall-mistoqsija parlamentari numru 23250, jista' l-Ministru jgħid kemm fih metri kwadri l-post li ġie mikri lil Malta Business Registry u jpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tal-kuntratt relattiv ta' kera?

21/06/2022

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li m'għandix xejn iktar xi nżid mat-tweġiba tal-mistoqsija 23250.

Seduta 22
27/06/2022

**GĦOTJA GĦAĊ-ĊITTADIN ANZJAN TA' €300 – ANZJANI LI JGĦIXU FIL-KOMUNITÀ**

**1869. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: B'referenza għat-tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 1596, jista' l-Ministru jgħid kemm huma l-anzjani ta' bejn il-75 u t-80 sena li jgħixu fil-komunità u ċjoè fid-djar personali tagħhom li jirċievu l-Għotja għaċ-Ċittadin Anzjan ta' €300 (dan peress li r-risposta tirreferi għad-djar residenzjali privati)?

21/06/2022

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li n-numru ta' anzjani li jgħixu fil-komunità li qed jingħataw l-Għotja għaċ-Ċittadin Anzjan ta' €300 hu ta' 18,237.

L-Għotja ta' €300 tingħata lil dawk l-anzjani li għandhom 75 sena imma li għadhom m'għalqux it-80 sena.

Seduta 22
27/06/2022

**ADOZZJONI - PAJJIŻI FEJN HU PERMESS ISSIR ADOZZJONI**

**1870. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: B'referenza għar-risposti għall-mistoqsijiet parlamentari 1354 u 1594, jista' l-Ministru jgħid kemm tfal ġew adottati minn kull pajjiż rispettivament mis-sena 2017 sal-lum?

21/06/2022

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta sabiex tirreferi l-mistoqsija tagħha lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 22
27/06/2022

**KUNSILL GĦALL-ANZJANI LI JGĦIN LILL-KUMMISSARJU GĦALL-ANZJANI**

**1871. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 1300 u 1593 u jgħid minn min hu kompost il-Kunsill għall-Anzjani li jgħin lill-Kummissarju għall-Anzjani? Jista' jgħid jekk apparti ċ-Chairperson u sitt membri oħra maħtura skont il-liġi, ġewx maħtura aktar membri mill-Kunsill? Jekk inhu l-każ, jista' jgħid min huma dawn il-membri?

21/06/2022

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni għadha qed tinġabar u ser tingħata f'seduta oħra.

Seduta 22
27/06/2022

**NATIONAL COMMISSION ON ACTIVE AGEING**

**1872. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 1299 u 1521 u jgħid minn min hu kompost in-National Commission on Active Ageing? Jista' jgħid x'inhuma r-remunerazzjoni, ħlas u benefiċċju li qed jirċievu dawn il-membri, jekk inhu l-każ?

21/06/2022

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li n-'National Commission on Active Ageing' hija komposta kif ġej:
Chair: Prof Marvin Formosa
Membri: Is- Sur George Said
Is- Sur Liam Pace
Sa Joyce Debono
Prof George Buttigieg
Sa Georgina Attard
Sa Silvana Civelli
Membru/Segretarju: Is- Sur Martin Sultana

Ir-remunerazzjoni taċ- Chairperson hi €18.07/hr u tal-membri hi €15.24/hr. Dan skont il-'Manual for Setting the Categorization and Remuneration of Government-Appointed Boards and Committees'.

Seduta 22
27/06/2022

**MANAGEMENT COMMITTEE OF ST. VINCENT DE PAULE**

**1873. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 1298 u 1520 u jgħid minn min hu kompost il-Management Committee of St Vincent de Paule? Jista' jgħid x'inhuma r-remunerazzjoni, ħlas u benefiċċju li qed jirċievu dawn il-membri, jekk inhu l-każ?

21/06/2022

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l- 'Management Committee of St. Vincent de Paule huwa kompost kif ġej:

Chair: Dr. Antoine Vella
Viċi Chair: Prof Stephen Montefort
Membri: Dr. Michael Buttigieg
Is-Sur Joseph Debono
Prof Pierre Ellul
Dr. Josianne Cutajar
Dr Brian Farrugia
Sa Suzanne Attard
Sa Fabienne Grech
Dr. Santosh Kumar
Membri/Segretarja: Sa Isabella Aquilina

Ir- remunerazzjoni taċ- Chairperson hi €4,732.84; tal-Viċi Chairperson hi €3,155.23, u tal-membrihi €2,366.42. Dan skont il-'Manual for Setting the Categorization and Remuneration of Government-Appointed Boards and Committees'.

Seduta 22
27/06/2022

**HOME HELP APPEALS BORD**

**1874. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 1297 u 1519 u jgħid minn min hu kompost il-Home Help Appeals Board? Jista' jgħid x'inhuma r-remunerazzjoni, ħlas u benefiċċju li qed jirċievu dawn il-membri, jekk inhu l-każ?

21/06/2022

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li il- 'Home Help Appeals Board' huwa kompost kif ġej:
Chair: Dr Kevin Mompalao
Viċi Chair: Dr Anthony Dimech
Membri: Is- Sur Aldrin Cassar
Sa Angela Aguis
Is- Sur Paul Vella
Is- Sur Frank Masini
Is- Sur David Schembri Wismayer
Is- Sur Saviour Galea
Sa Karen Schembri
Sa Catherine Vella
Segretarja: Sa Lara Azzopardi

Ir- remunerazzjoni taċ- Chairperson hi €15.24/hr, tal-Viċi Chairperson hi €14.24/hr, u tal-membri/segretarja hi €13.34/hr. Dan skont il-'Manual for Setting the Categorization and Remuneration of Government-Appointed Boards and Committees'.

Seduta 22
27/06/2022

**AWTORITÀ MALTIJA GĦAT-TURIŻMU - DEĊIŻJONI DWAR TNEĦĦIJA TA' DECKCHAIRS F'KEMMUNA**

**1877. L-ONOR. BEPPE FENECH ADAMI** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu: Peress illi l-Ministru stqarr pubblikament illi l-Awtorità Maltija għat-Turiżmu (MTA) kienet ippjanata li tintervjeni f'Kemmuna proprju fil-ġurnata meta l-Moviment Graffiti għamel protesta u neħħa d-deckchairs li kienu armati b'mod illegali, jista' l-Ministru jgħid:

Eżattament meta kienet ittieħdet din id-deċiżjoni mill-MTA?

Min kienet il-persuna inkarigata b'dan l-intervent? Fi xħin kien ippjanat li l-MTA tagħmel dan l-intervent? Min kienu u kemm kienu l-persuni li kellhom jieħdu sehem f'dan l-intervent? Min kien se jieħu sehem f'dan l-intervent, kif u fi xħin kellu jasal fuq Kemmuna? Min ħa d-deċiżjoni li l-intervent jitħassar in vista tal-protesta tal-Moviment Graffiti? Kif ġiet ikkomunikata d-deċiżjoni li l-operazzjoni ppjanata tħassret?

Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kull korrispondenza, inkluż emails relatati ma' dawn il-mistoqsijiet?

21/06/2022

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li wara diversi diskussjonijiet, l-uffiċċju tal-MTA ġewwa Għawdex ġie inkarigat biex immedjatament jipprepara pjan ta' azzjoni għal ġewwa l-Blue Lagoon, liema azzjoni kellha tibda s-Sibt, 11 ta` Ġunju. Kien għal dan il-għan, lis-Sibt 11 ta` Ġunju, uffiċjali tal-infurzar tal-MTA kienu jinsabu fi triqithom lejn il-Blue Lagoon fuq dgħajsa tal-passiġġieri li telqet mill-Imġarr Għawdex fit-08.00 am. Peress li f'dan l-istess waqt, il-Moviment Graffitti beda il-protesta tiegħu ġewwa l-Blue Lagoon, ġie deċiż, b'mod kollettiv, li jkun għaqli li l-uffiċċjali tal-MTA ma jipproċedux sabiex jiġi evitat kwalunkwe skontru, u l-preżenza tal-MTA ma tiġix interpretata bħala tfixkil għad-dritt ta' protesta.

Seduta 22
27/06/2022

**MARSASCALA – TRIQ IL-QALIET – LIMITU TA' VELOĊITÀ**

**1878. L-ONOR. CARMELO ABELA** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 1346 u jindika kemm huwa l-limitu ta' veloċità fi Triq il-Qaliet, Marsaskala?

21/06/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant illi l-speed limit fi Triq il-Qaliet Marsaskala huwa ta' 50kph.

Seduta 22
27/06/2022

**KUNSILL LOKALI TAT-TIELET DISTRETT – PROĠETTI U INIZJATTIVI FAVUR L-ANZJANI**

**1879. L-ONOR. CARMELO ABELA** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 1347 u jindika xi proġetti u inizjattivi twettqu favur l-anzjani mill-Kunsilli Lokali tat-Tielet Distrett fl-2021 u fl-2022?

21/06/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li l-informazzjoni li daħlet mill-Kunsilli Lokali rispettivi hi kif spjegata iktar 'il isfel. Irid jingħad li s-sena 2021 kienet iddominata mill-pandemija u l-miżuri restrittivi marbuta magħha.

**Kunsill Lokali Għaxaq**

2021
- Ħdimna mal-Ministeru tas-Saħħa biex jingħataw aktar servizzi mediċi fil-Berġa tal-lokal.
- Tajna diversi għajnuniet lill-anzjani fejn jidħlu vaċċini, boosters u ċertifikati tal-vaċċin.
- Ligħts ġodda fil-Bypass biex nnaqqsu l-periklu lill-anzjani.
- Kull sena nġibu Mobile Dental Unit
Għajnuna u assistenza lir-residenti anzjani fejn jidħlu lmenti

2022
- Servizzi mediċi ġodda fil-Berġa
- Għajnuna u assistenza lir-residenti anzjani fejn jidħlu lmenti

**Kunsill Lokali Żejtun**

2021
- Tqassim ta' figolli lill-anzjani

2022
- Tqassim ta' figolli lill-anzjani
- Huma ppjanati diveri attivitajiet iktar tard din is-sena

**Kunsill Lokali Marsaxlokk**

2021

NIL reply

2022

- Inxtara vann biex iktar 'il quddiem il-Kunsill ikun jista' jwassal lill-anzjani fil-clinics u d-day centre

**Kunsill Lokali Marsaskala**

NIL reply

Sedua 22
27/06/2022

**MARSAXLOKK – AWTORITÀ TAD-DJAR - LIFT**

**1880. L-ONOR. CARMELO ABELA** staqsa lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 1177 u jgħid meta ser isir ix-xogħol mill-Awtorità tad-Djar fuq lift li jinsab f'Binja Ħal Ġinwi, Triq Axtart, ġewwa Marsaxlokk?

21/06/2022

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninsab infurmat illi t-tiswijiet meħtieġa se jkunu qegħdin isiru fil-xhur li ġejjin.

Ta' min jgħid li l-lift ġie nstallat snin ilu (madwar 2006) iżda qatt ma ngħata lir-residenti minħabba li għal żmien twil ir-residenti ma riedux jieħdu pussess tal-lift minħabba dħul ta' ilma li ġie kkawżat sakemm ġiet iffurmata t-triq. Wara li ssolviet din il-problema kien hemm nuqqas ta' ftehim bejn ir-residenti u għalhekk ma setgħetx tiġi ffurmata assoċjazzjoni tar-residenti.

Peress li l-lift ilu wieqaf għal żmien twil trid issir eżaminazzjoni bir-reqqa minn inġinier għax aktarx ikun hemm ħtieġa ta' bosta tiswijiet.

Seduta 22
27/06/2022

**IŻ-ŻEJTUN – MISRAĦ TA’ PIZZUTA**

**1881. L-ONOR. CARMELO ABELA** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: B’referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 1178, jista’ l-Ministru jgħid meta se jitlestew it-toroq li ssemmew fl-aħħar paragrafu tat-tweġiba tiegħu?

21/06/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li sitta mit-toroq li qed issir referenza għalihom jinsabu ħdejn xulxin fl-istess żona wara l-Knisja taż-Żejtun u jagħmlu parti minn proġett wieħed biex Infrastructure Malta tibnihom mill-ġdid f’daqqa. Triq San Profilju, Triq Santa Fawstina u Triq Beland tlestew, Triq San Ġużepp u Triq San Piju X waslu biex isirilhom wiċċ ġdid bl-asfalt u jkunu lesti fil-jiem li ġejjin, u warajhom ikun imiss Triq Santa Monika. Għaddej ukoll ix-xogħol fi Triq il-Ġiebja Rumana fejn bħalissa qed isiru xogħlijiet fuq il-bankini u s-servizzi taħt l-art.

Seduta 22
27/06/2022

**WIED IL-GĦAJN – PARKEĠĠI MIR-RESIDENTI**

**1882. L-ONOR. CARMELO ABELA** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: B’referenza għall-mistoqsija parlamentari 1179, jista’ l-Ministru jgħid meta hu maħsub li jkunu konklużi t-taħdidiet li ssemmew fit-tweġiba, ħalli r-residenti li joqogħdu fil-madwar tal-iskola l-ġdida ġewwa Wied il-Għajn ikunu jistgħu jagħmlu użu mill-parkeġġ?

21/06/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-taħdidiet mal-Kunsill Lokali ta' Marsaskala waslu fil-fażi finali u dawn mistennija jkunu konklużi fiż-żmien li ġej.

Seduta 22
27/06/2022

**IŻ-ŻEJTUN – XOGĦLIJIET FUQ IĊ-ĊIMITERJU**

**1883. L-ONOR. CARMELO ABELA** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista’ l-Ministru jgħid jekk hux ser isir xi xogħol fil-ħitan taċ-ċimiterju ġewwa ż-Żejtun? Jekk fl-affermattiv, meta hu maħsub li dan ix-xogħol jibda?

21/06/2022

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li d-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi għaddej bit-tħejjijiet meħtieġa sabiex iwettaq xogħol fuq il-ħitan taċ-ċimiterju. Ix-xogħol huwa maħsub li jibda lejn l-aħħar ta’ din is-sena.

Seduta 22
27/06/2022

**MTA – FINANCIAL COMMITTMENT MAS-SALESJANI**

**1885. L-ONOR. ROBERT ARRIGO** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu: Ġaladarba issa ħarġet li l-Awtorità tat-Turiżmu ta’ Malta (MTA) kienet għamlet committment ta’ flus mas-Salesjani, jista’ l-Ministru jgħid kemm hi din il-financial committment u għal kemm snin? Jista’ jgħid x’ġid se tieħu Malta, kemm se jkun hemm żieda fit-turisti li ġejjin Malta u kemm se jkun l-infiq żejjed minn dawn it-turisti żejda?

21/06/2022

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi skont statistika tal-WorldTourismOrganisation, in-niċċa tat-turiżmu reliġjuż tiġġenera madwar 300 miljun turist fis-sena. Din hija niċċa li l-MTA flimkien ma' organizzazzjonijiet oħra qiegħda tiżviluppa bħala parti mill-istrateġija ta' diversifikazzjoni tas-swieq u niċeċ tagħha. Fost il-pajjiżi ewlenin li jiġġeneraw turiżmu reliġjuż insibu l-Istati Uniti, pajjiżi fl-Amerika Latina u l-Italja. In-niċċa tat-turiżmu reliġjuż jew tal-fidi, għandha l-potenzjal li tiżviluppa bl-istess mod li fil-passat żviluppajna niċeċ oħra bħat-tagħlim ta' Ingliż.

Il-Ministeru, flimkien mal-Awtorità Maltija għat-Turiżmu ikkommettew ruħhom li jgħinu biex tiġi żviluppata l-Faith Tourism Product for Salesians, liema committment huwa għal ħames snin.

Seduta 22
27/06/2022

**FOUNDATION FOR TOURISM ZONE DEVELOPMENT – ĠNIEN ĠLORMU CASSAR FIL-GUDJA - FINANZJAMENT**

**1886. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jispjega għalfejn Ġnien Ġlormu Cassar, il-Gudja, proġett li ġie ffinanzjat mill-Foundation for Tourism Zone Development, għadu bla compliance certificate u għadu jiddependi minn dawl temporanju b'applikazzjoni tiġġedded kontinwament mill-Kunsill Lokali?

21/06/2022

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant biex jagħmel il-mistoqsija tiegħu lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 22
27/06/2022

**AWTORITÀ MALTIJA GĦAT-TURIŻMU – INFIQ F'IKLIET**

**1887. L-ONOR. BEPPE FENECH ADAMI** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jgħid kemm intefqu f'ikliet (lunches u dinners) mill-Awtorità Maltija għat-Turiżmu (MTA) mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru, 2021 u fil-perjodu bejn l-1 ta' Jannar sal-15 ta' Ġunju, 2022?

21/06/2022

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Nitlob lill-Onor. Interpellant ikun aktar speċifiku fil-mistoqsija tiegħu.

Seduta 22
27/06/2022

**MINISTERU GĦAT-TURIŻMU – INFIQ TA' FLUS F'REKLAMAR**

**1888. L-ONOR. BEPPE FENECH ADAMI** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jgħid kemm tħallsu flus mill-Ministeru mill-2017 sal-lum lil One TV Productions u/jew lill-Partit Laburista u/jew lill-persuna, li d-dettalji dwarha qed jintbagħtu separatament, jew persuna oħra f'reklamar u/jew bħala ħlas għal stedin u parteċipazzjoni tal-Ministru odjern jew predeċessur tiegħu jew uffiċjal tal-Ministeru fil-programmi Espresso u Kalamita fuq One TV?

21/06/2022

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ma sarux tali pagamenti.

Seduta 22
27/06/2022

**MINISTERU GĦALL-POLITIKA SOĊJALI U D-DRITTIJIET TAT-TFAL – INFIQ TA' FLUS F'REKLAMAR**

**1889. L-ONOR. BEPPE FENECH ADAMI** staqsa lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid kemm tħallsu flus mill-Ministeru mill-2017 sal-lum lil One TV Productions u/jew lill-Partit Laburista u/jew lill-persuna, li d-dettalji dwarha qed jintbagħtu separatament, jew persuna oħra f'reklamar u/jew bħala ħlas għal stedin u parteċipazzjoni tal-Ministru odjern jew predeċessur tiegħu jew uffiċjal tal-Ministeru fil-programmi Espresso u Kalamita fuq One TV?

21/06/2022

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ġentilment ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba ser tingħata f'seduta oħra.

Seduta 22
27/06/2022

**MINISTERU GĦAS-SAĦĦA – INFIQ TA' FLUS F'REKLAMAR**

**1890. L-ONOR. BEPPE FENECH ADAMI** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm tħallsu flus mill-Ministeru mill-2017 sal-lum lil One TV Productions u/jew lill-Partit Laburista u/jew lill-persuna, li d-dettalji dwarha qed jintbagħtu separatament, jew persuna oħra f'reklamar u/jew bħala ħlas għal stedin u parteċipazzjoni tal-Ministru odjern jew predeċessur tiegħu jew uffiċjal tal-Ministeru fil-programmi Espresso u Kalamita fuq One TV?

21/06/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant illi d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa ma kellu l-ebda intervisti mħallsa fil-Programm Espresso fuq One TV. Fl-2020 d-Dipartiment għar-Regolamentazzjoni tas-Saħħa kellhom kampanja edukattiva fil-programm televiziv Espresso.

Sedua 22
27/06/2022

**MINISTERU GĦALL-FINANZI U X-XOGĦOL – INFIQ TA' FLUS F'REKLAMAR**

**1891. L-ONOR. BEPPE FENECH ADAMI** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm tħallsu flus mill-Ministeru mill-2017 sal-lum lil One TV Productions u/jew lill-Partit Laburista u/jew lill-persuna, li d-dettalji dwarha qed jintbagħtu separatament, jew persuna oħra f'reklamar u/jew bħala ħlas għal stedin u parteċipazzjoni tal-Ministru odjern jew predeċessur tiegħu jew uffiċjal tal-Ministeru fil-programmi Espresso u Kalamita fuq One TV?

21/06/2022

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi ma tħallsu ebda flus mill-Ministeru mill-2017 sal-lum, f'reklamar, u/jew bħala ħlas għal stedin u parteċipazzjoni, tal-Ministru odjern jew predeċessur, fil-programmi Espresso u Kalamita, lill-persuna msemmija fil-mistoqsija.

Seduta 22
27/06/2022

**ĦLAS LIL KUMPANIJA**

**1919. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru twieġeb il-mistoqsija parlamentari 1363, li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet u li issa ġiet riferuta lilha, u tgħid kemm tħallset jew qed titħallas il-kumpanija li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament biex ġie rilokat l-apparat tas-Cyclotron li tipproduċi t-tracer li jintuża fid-dijanjożi u l-kura tal-Kanċer?

22/06/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Infurmata li sakemm isiru x-xogħlijiet, l-apparat tas-Cyclotron ġie rilokat temporanjament f'post ftit metri bogħod ġewwa l-Life Sciences Park. L-ispejjeż jammontaw għal Euro 1,500.

Seduta 22
27/06/2022

**AIR MALTA - IMPJEGATI**

**1927. L-ONOR. IVAN J BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Peress li diversi impjegati tal-Air Malta jinsabu mħassba serjament dwar il-futur tagħhom fi żmien diffiċli ħafna, speċjalment meta l-għoli tal-ħajja qed jiżdied kif intqal mill-Ministru stess, u peress li l-iskadenza tagħhom biex jiġu trasferiti hija t-12 ta' Awwissu 2022, jista' l-Ministru jgħid fiex wasal il-proċess biex din il-bidla titlesta b'suċċess?

22/06/2022

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi din il-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 22
27/06/2022

**AIR MALTA - TRASFERIMENTI TA' IMPJEGATI**

**1928. L-ONOR. IVAN J BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Peress li l-Gvern għandu impenn li jittrasferixxi l-impjegati tal-Air Malta f'korpi governattivi oħra, jista' l-Ministru jispjega għaliex l-istess Gvern mhux qed jikkunsidra li jassisti lis-settur privat li qed jixxennaq għar-riżorsi umani u jsib skema li permezz tagħha kulħadd jirbaħ?

22/06/2022

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi din il-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 22
27/06/2022

**TA' QALI – OUTDOOR GYM U GROUND 5-A-SIDE – DAWL**

**1930. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid għaliex l-outdoor gym u l-ground tal-5-a-side li jinsabu f'Ta' Qali ħdejn l-MFCC ma jinxtegħelx dawl fihom billejl?

22/06/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninsab infurmata li l-elettriku jinsab temporanjament sospiż minħabba x-xogħolijiet li qed isiru fil-park ta' Ta Qali. Infurmata wkoll li l-Enemalta se tkun qed tikkordina mal-Ministeru responsabbli minn dawn ix-xogħolijiet

Sedua 22
27/06/2022

**IMTARFA, ĦAD-DINGLI, IMDINA U MMĠARR – GĦASES TAL-PULIZIJA**

**1931. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jagħti l-ħinijiet li fihom jiftħu l-għases tal-Imtarfa, Ħad-Dingli, l-Imdina u l-Imġarr? Jista' jgħid kemm ikun hemm uffiċjali tal-pulizija preżenti f'kull għassa msemmija?

22/06/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi, għajr l-Għassa tal-Imtarfa li topera bħala Uffiċċju għall-Pulizija tal-Komunità, l-għases indikati mill-Onor. Membru ġeneralment ma jkunux miftuħa. Madankollu, fil-każ tal-lokalitajiet tal-Imtarfa, Ħad-Dingli u l-Imdina, dawn iż-żoni huma koperti mill-Pulizija tad-distrett tar-Rabat, liema għassa hija miftuħa 24 siegħa kuljum, fejn dawn jilħqu l-bżonnijiet tar-residenti kif meħtieġ. Dwar l-Imġarr ir-residenti huma koperti mill-għassa tal-Mosta li hi responsabbli għal din iż-żona li wkoll hija miftuħa 24 siegħa kuljum. Ta' min jirrimarka li l-lokalitajiet tal-Imdina, Ħad-Dingli u l-Imtarfa, huma koperti wkoll mill-Pulizija tal-Kommunità li joperaw mill-għassa tal-Imtarfa u huwa pjanat illi sa l-aħħar tas-sena, l-Imġarr ikun kopert ukoll minn din it-taqsima. Il-lokalitajiet kollha jintlaħqu malajr mir-ronda regulari li ssir mill-membri tal-RIU permezz tal-vetturi tagħhom, kif ukoll minn sezzjonijiet oħra bħal kavallerija u s-sezzjoni tal-klieb. Ma' kull waħda minn dawn l-għases hemm stallata sistema ta' intercom, li permezz tagħha l-pubbliku jista' jikkomunika mal-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija erbgħa u għoxrin siegħa kuljum, għall kull assistenza kif hemm ukoll il-faċilità illi kulħadd jista' jagħmel rapport online. Dan kollu jsir fid-dawl tal-istrateġija ġdida tal-Pulizija li ġiet introdotta fix-xhur li għaddew u li tiffoka fuq miżuri preventivi. Dan jippermetti li ikun hemm aktar rondi mill-Pulizija li fl-istess ħin ikunu aktar involuti u qrib il-pubbliku, minflok dawn ikunu fl-għases jistennew il-każijiet.

Seduta 22
27/06/2022

**SPTAR MOUNT CARMEL – XIRI TA' SODOD**

**1932. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid meta nxtraw is-sodod li jintużaw f'kull sala li hemm fl-Isptar Mount Carmel u meta ser jinxtraw dawk ġodda?

22/06/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant illi bejn l-2009 u 2021 inxtraw 150 sodda għal-Isptar *Mount Carmel* u 94 sodda oħra gew moghtija b'donazzjoni minn Mater Dei.

Sedua 22
27/06/2022

**NATIONAL HEALTH STRATEGY 2020-2023 – BINI TA' SPTAR ĠDID**

**1933. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid f'liema stat wasal ix-xogħol fuq il-bini u l-ippjanar ta' sptar ġdid hekk kif kien maqbul li jsir fin-National Health Strategy 2020-2023?

22/06/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jidentifika għal liema sptar qed jirreferi

Sedua 22
27/06/2022

**SPTAR MOUNT CARMEL – TRATTAMENT TA' PAZJENTI**

**1934. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid jekk kienx hemm istanzi f'dawn l-aħħar ħames snin fejn pazjenti li jkunu qed jieħdu kura fil-qasam tas-saħħa mentali ġewwa l-Isptar Mount Carmel kienu qed jiġu ttrattati fl-istess sala ma' persuni li jkunu waqgħu f'vizji bħal droga, alkoħol jew użura?

22/06/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Waqt li ninforma lill-Onor. Interpellant illi fl-Isptar Monte Carmeli hemm swali imsejħa Dual Diagnosis Units għal min ikun qed ibati minn mard mentali, direttament relatat ma l-użu tad-droga, nitolbu jispeċifika jekk hux qed jissuġġerixxi illi persuni li xi darba f'ħajjithom ikunu għaddew minn xi problema tad-droga, alkoħol jew użura għandhomx ikunu segregati mill-kumplament tas-soċjetà meta jkollhom bżonn kura medika. Jekk dan hu s-sentiment tal-Onor. Interpellant allura ċar li jien ma naqbilx miegħu.

Sedua 22
27/06/2022

**KORP TAL-PULIZIJA – MEMBRI LI RTIRAW BIS-SERVIZZ**

**1954. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Fid-dawl tat-tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 739, jista' l-Ministru jgħid kemm irtiraw pulizija fis-sena 2021 u fil-perjodu bejn l-1 ta' Jannar sal-ġurnata meta tkun qed tingħata t-tweġiba għal din il-mistoqsija? Jista' jgħid ukoll kemm irtiraw pulizija għaliex għalqu s-servizz kif ukoll dawk li rtiraw qabel ma għalqu s-servizz u f'liema rank kienu?

22/06/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi n-numru ta' pulizija li rtiraw bil-pensjoni fis-sena 2021 għaliex għalqu s-snin tas-servizz jew aktar, kien ta' mija u tmenin. Dawk li rtiraw qabel ma għalqu s-snin tas-servizz tagħhom, imma kienu eliġibbli għall-penjoni, kienu ħamsa. Ir-rankijiet kienu kif jidher fit-tabella ta' hawn taħt:

| **2021** | Dep. Kummissarju | Assistent Kummissarju | Suprentendent | Spettur | Maġġur | Surġent | Kuntistabbli | **Total** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Irtiraw bil-pensjoni qabel-il 25 sena servizz | | | | | | 2 | 3 | **5** |
| Irtiraw bil-pensjoni b'ħamsa u għxorin sena servizz | 2 | 2 | 7 | 4 | 8 | 36 | 121 | **180** |

| | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| jew aktar | | | | | | | | |
| Total | **2** | **2** | **7** | **4** | **8** | **38** | **124** | **185** |

Fil-perjiodu minn 1 ta' Jannar 2022 sat-23 ta' Gunju 2022, il-pulizija li rtiraw bil-pensjoni għaliex għalqu s-snin tas-servizz jew aktar, kien ta' ħamsa u tletin. Dawk li rtiraw qabel ma għalqu s-snin tas-servizz tagħhom imma kienu eleġibli għall-pensjoni, kienu tnejn. Ir-rankijiet kienu kif jidher fit-tabella ta' hawn taħt:

| **2022** | Assistent Kummissarju | Suprentendent | Spettur | Surgent | Kuntistabbli | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Irtiraw bil-pensjoni qabel-il 25 sena servizz | | | | | 2 | **2** |
| Irtiraw bil-pensjoni b'ħamsa u għxorin sena servizz jew aktar | 1 | 3 | 1 | 8 | 22 | **35** |
| **Total** | **1** | **3** | **1** | **8** | **24** | **37** |

Seduta 22
27/06/2022

**KORP TAL-PULIZIJA – ĦADDIEMA PAJŻANA**

**1955. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm persuni pajżana jaħdmu fil-Korp tal-Pulizija?

22/06/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi n-numru ta' persuni pajżana li jaħdmu fi ħdan il-Korp tal-Pulizija, huwa ta' mija u disgħa u ħamsin (159).

Seduta 22
27/06/2022

**KORP TAL-PULIZIJA – MEMBRI FI ĦDAN IL-COMMUNITY POLICING**

**1956. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm Pulizija ddettaljati fi ħdan il-Community Policing?

22/06/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi fid-data ta' din il-mistoqsija, in-numru totali ta' Pulizija ddettaljati fi ħdan il-Community Policing kien ta' tlieta u tmenin (83).

Seduta 22
27/06/2022

**DIPARTIMENT TAL-ARTIJIET - CARAVAN SITES**

**1957. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx il-ħsieb li ċerti postijiet ikunu jservu bħala caravan sites? Jekk iva, fejn?

22/06/2022

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jagħmel din il-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 22
27/06/2022

**BREEDERS TAL-KLIEB REĠISTRATI**

**1958. L-ONOR. CHARLES AZZOPARDI** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 1551 u jgħid kemm-il breeder tal-klieb hu rreġistrat f'Malta u Għawdex?

22/06/2022

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi hawn żewġ breeders tal-klieb liċenzjati f'Malta u Għawdex.

Seduta 22
27/06/2022

**DIRETTORAT TAL-ĦARSIEN TAL-ANNIMALI – MULTI AMMINISTRATTIVI**

**1959. L-ONOR. CHARLES AZZOPARDI** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 1552 u jgħid kemm ħareġ multi amministrattivi d-Direttorat tal-Ħarsien tal-Annimali minn Ottubru 2021 sal-lum?

22/06/2022

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni ser tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta 22
27/06/2022

**SERVIZZ 1717**

**1960. L-ONOR. CHARLES AZZOPARDI** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 1554 u jgħid jekk is-servizz tal-1717 bediex jitħaddem f'Għawdex? Jista' jgħid ukoll kemm persuni qed jaħdmu f'dan is-servizz kemm dan ilu jopera? Il-persuni li ntgħażlu, fuq liema kriterji ġew ingaġġati?

22/06/2022

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi s-servizz tal-1717 beda jitħaddem mis-16 ta' Mejju 2022 u hemm erba' persuni jaħdmu f'dan is-servizz. Il-persuni li qed jaghtu dan is-servizz ingħataw it-taħriġ meħtieġ.

Seduta 22
27/06/2022

**ANIMAL WELFARE – ĠBIR TA' QTATES**

**1961. L-ONOR. CHARLES AZZOPARDI** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 1555 u jgħid kemm inġabru qtates minn Jannar sal-aħħar ta' Mejju mill-Animal Welfare? Kemm kien hemm minn dawn il-qtates li kellhom jitraqqdu?

22/06/2022

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi minn Jannar sal-aħħar ta' Mejju nġabru 606 qattus mid-Direttorat għat-Trattament Xieraq tal-Annimali u li minnhom, 149 qattus gew imraqqda. Il-maġġoranza assoluta minnhom kienu involuti f'inċidenti awtomobilistiċi u oħrajn. Id-deċiżjoni dejjem ittieħdet mill-veterinarji abbażi ta' raġunijiet mediċi u l-kundizzjoni ta' saħħa li jkun jinsab fiha l-qattus.

Seduta 22
27/06/2022

**IRZIEZET F'MALTA**

**1962. L-ONOR. CHARLES AZZOPARDI** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 1619 u jgħid kemm irziezet waqfu jew għalqu milli jkomplu joperaw f'Malta mill-2016 sal-lum? Jista' jagħti kemm għalqu sena b'sena, lokalità b'lokalità?

22/06/2022

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni ser tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta 22
27/06/2022

**WELFARE OFFICERS**

**1963. L-ONOR. CHARLES AZZOPARDI** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 1620 u jgħid kemm kien hemm persuni li jagħmlu xogħol ta' Welfare Officers li huma jew mislufin minn dipartiment/dipartimenti oħra u/jew ma daħlux jaħdmu direttament bħala AW Officers?

22/06/2022

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni ser tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta 22
27/06/2022

**REMOTE WORKING POLICY – ĦADDIEMA TAĊ-ĊIVIL**

**1971. L-ONOR. GRAHAM BENCINI** staqsa lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jagħti n-numru eżatt ta' impjegati tal-Gvern, maqsuma b'Ministeru u entità taħt kull Ministeru, li bħalissa qegħdin jaħdmu b'mod remot, f'konformità mar-remote working policy?

23/06/2022

**ONOR. ROBERT ABELA:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-Mistoqsija Parlamentari nru 923.

Seduta 22
27/06/2022

**BALLUTA – TIXTRID TA' SKART TAL-KOSTRUZZJONI FIL-BAĦAR**

**1972. L-ONOR. GRAHAM BENCINI** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Peress li mill-bidu tal-ġimgħa li tibda t-13 ta' Ġunju sal-lum, skart tal-kostruzzjoni niġġes il-bajja taħt l-eks Sit tal-NSTS, tul il-kosta ta' Qui-Si-Sana, fejn għandi wkoll ritratti biex nipprova dan, għaldaqstant tista' l-Ministru tispjega għaliex ma ttieħdet l-ebda azzjoni immedjata biex dan it-tniġġis tal-baħar jitwaqqaf? Tista' tgħid x'azzjoni qed tittieħed kontra dawk li huma responsabbli għal dan it-tniġġis tal-baħar? Fid-dawl tal-fatt li dan huwa t-tieni każ ta' tniġġis mill-iskart tal-kostruzzjoni tul il-kosta bejn il-Bajja tal-Balluta u Qui-Si-Sana f'dawn l-aħħar sitt ġimgħat, bl-aħħar wieħed ikun fil-bajja tal-Balluta sitt ġimgħat ilu, tista' l-Ministru tispjega dak li sar biex jiġi evitat it-tniġġis ta' din il-kosta jerġa' jiġri?

23/06/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li lill-ERA ma waslilha l-ebda rapport riċenti dwar xogħlijiet li minnhom irriżulta skart li ħammeġ il-baħar matul ix-Xatt ta' Qui-si-Sana. Spezzjonijiet minn uffiċċjali tal-ERA li saru wara li waslitilha l-Mistoqsija Parlamentari, ma wrew l-ebda turbidità fil-baħar matul il-kosta msemmija. Nistieden lill-Onor. Interpellant biex jghaddi evidenza li jista' ghandu ta' skart li qed jispiċċa jew jinxteħet il-baħar, lill-awtorità kompetenti għall iktar investigazzjoni.

Sedua 22
27/06/2022

**TAS-SLIEMA - QUI SI SANA – OVERFLOW TAD-DRENAĠĠ**

**1973. L-ONOR. GRAHAM BENCINI** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Fid-dawl li s-Sindku ta' Tas-Sliema ilu aktar minn ġimgħa jappella lill-awtoritajiet biex iwaqqfu l-overflow tad-drenaġġ fuq il-bajja fi Qui-Si-Sana, fejn saħansitra poġġa filmat fuq il-midja soċjali biex juri l-periklu allarmanti għas-saħħa tal-għawwiema, għaldaqstant tista' l-Ministru tispjega għaliex dan l-overflow tad-drenaġġ ma twaqqafx immedjatament u meta se tissolva din il-problema?

23/06/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-każ imsemmi jidher li hu riżolt. Ninsab infurmata wkoll li nstab is-sors tal-ilma maħmuġ li jidher kienet infrastruttura ta' terzi, u barra minn network tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma. Madanakollu, il-Korporazzjoni offriet l-assistenza tagħha lill-awtoritajiet kompetenti u se ssegwi l-każ skont il-bżonn. F'każijiet simili, l-investigazzjonijiet isiru mid-Dipartiment tas-Saħħa.

Seduta 22
27/06/2022

**TAS-SLIEMA - QUI SI SANA – OVERFLOW TAD-DRENAĠĠ**

**1974. L-ONOR. GRAHAM BENCINI** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Fid-dawl li s-Sindku ta' Tas-Sliema ilu aktar minn ġimgħa jappella lill-awtoritajiet biex iwaqqfu l-overflow tad-drenaġġ fuq il-bajja fi Qui-Si-Sana, fejn saħansitra poġġa filmat fuq il-midja soċjali biex juri l-periklu allarmanti għas-saħħa tal-għawwiema, għaldaqstant jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jispjega għaliex dan l-overflow tad-drenaġġ ma twaqqafx immedjatament u meta se tissolva din il-problema?

23/06/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi llum se joħrog avviz biex iż-żona terġa' tinfetaħ għall-għawm..

Sedua 22
27/06/2022

**PROGRAMMI TELEVIŻI AĊĊESSIBBLI GĦAL PERSUNI BI PROBLEMI TA' SMIGĦ**

**1975. L-ONOR. GRAHAM BENCINI** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Fid-dawl li f'Settembru 2020 l-eks Ministru Abela qal li għandu jkun hemm diskussjoni biex naraw kif il-programmi televiżivi jkunu aktar aċċessibbli għal persuni bi problemi ta' smigħ, jista' l-Ministru jgħid dakinhar kemm kien hemm programmi fuq TVM aċċessibbli għal dawn il-persuni? Minn dakinhar li l-Ministru qal li dawn il-programmi għandhom jiżdiedu, kemm fil-fatt żdiedu? U jekk żdiedu, liema huma l-programmi li issa huma aċċessibbli għal persuni bi problemi ta' smigħ?

23/06/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ninsab infurmat li sa Settembru 2020 is-servizzi u programmi kienu l-Aħbarijiet tas-18:00 u Insights bil-lingwa tas-sinjali, kif ukoll verżjoni ta' Għawdex Illum bis-sotto titoli.

Mill-iskeda ta' Ottubru 2021 minbarra dawn l-imsemmija, żdied programm għat-tfal kuljum, Avaru, li minbarra li kellu l-lingwa tas-sinjali u s-sotto titoli, kien iddedikat għal tfal bi problemi ta' tagħlim u problemi sensorjali.

Seduta 22
27/06/2022

**KUNSILLI LOKALI U REĠJUNI – NUQQAS TA' SEGRETARJU EŻEKUTTIV**

**1976. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm Kunsilli Lokali u/jew Reġjuni li m'għandhomx Segretarju Eżekuttiv fid-data li titwieġeb din il-mistoqsija? Jista' jgħid kemm ilu kull wieħed minn dawn il-Kunsilli u jew Reġjuni mingħajr Segretarju Eżekuttiv? F'kull każ, x'inhi r-raġuni tad-dewmien u x'inhu l-istatus? X'inhi l-proċedura li qed tiġi applikata f'kull każ biex jiġi jew tiġi ingaġġat/a Segretarju Eżekuttiv u x'azzjoni qed tittieħed sadanittant biex il-Kunsilli u/jew Reġjuni jibqgħu joperaw b'mod normali?

23/06/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lil Onorevoli Interpellant li ninsab infurmat li preżentement hemm Kunsill Reġjonali wieħed (dak tal-Port) li qed jopera permezz ta' Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv. Li ġej hija Lista ta' Kunsilli Lokali fejn hemm vakanzi ta' Segretarji Eżekutiv bid-data ta' meta nħolqot tali vakanza.

| **Kunsill Reġjonali/ Lokali bla S.E** | **Data meta nħolqot il-vakanza (dd.mm.yyyy)** |
|---|---|
| Reġjun tal-Port | 25/10/2021 |
| Birkirkara | 25/11/2021 |
| Il-Fgura | 16/02/2022 |
| Il-Fontana | 04/09/2021 |
| Ħal Luqa | 10/05/2021 |
| Marsaxlokk | 14/12/2019 |
| Il-Qrendi | 01/07/2021 |
| San Ġiljan | 24/01/2022 |
| San Pawl il-Baħar | 19/11/2021 |

| | |
|---|---|
| Santa Venera | 02/07/2018 |

Fil-każ li fejn il-proċess tal-għażla inbeda qabel l-iffirmar tal-Ftehim Kollettiv għas-Segretarji Eżekuttivi, tali dewmien huwa dovut għal dewmien sabiex jiġu sottomessi d-dokumenti kollha mill-Kunsilli Lokali rispettivi.

Fil-Każ li il-vakanza nħolqot wara l-Iffirmar tal-Ftehim Kollettiv, id-dewmien hu peress li għad hemm għaddejja diskussjonijiet mal-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku dwar il-proċess tal-għażla, u dan peress illi tali proċess irid ikun konformi mal-Art. 110 tal-Kosituzzjoni ta' Malta.

Background Information

Lista ta' Kunsilli Lokali fejn il-proċess għall-għażla ta' Seg. Eżekuttiv ġdid inbeda qabel l-iffirmar tal-Ftehim Kollettiv tas-Segretarji Eżekuttivi.

| **Kunsill Reġjonali/ Lokali mingħajr Segretarju Eżekuttiv** | **Data meta nħolqot il-vakanza (dd.mm.yyyy)** |
|---|---|
| Reġjun tal-Port | 25/10/2021 |
| Birkirkara | 25/11/2021 |
| Il-Fgura | 16/02/2022 |
| Il-Fontana | 04/09/2021 |
| Ħal Luqa | 10/05/2021 |
| Marsaxlokk | 14/12/2019 |
| Il-Qrendi | 01/07/2021 |
| San Ġiljan | 24/01/2022 |
| Santa Venera | 02/07/2018 |

**Lista ta' Kunsill Lokali fejn il-proċess għall-għażla ta' Seg. Eżekuttiv ġdid inbeda wara l-iffirmar tal-Ftehim Kollettiv tas-Segretarji Eżekuttivi**

| **Kunsill Reġjonali/ Lokali bla S.E** | **Data meta nħolqot il-vakanza (dd.mm.yyyy)** |
|---|---|
| San Pawl il-Baħar | 19/11/2021 |

F'kull każ fejn il-kunsill lokali m'għandux Segretarju Eżekuttiv, meta l-kunsill lokali rispettiv irrakkomanda li jiġi maħtur Deputat Segretarju Eżekuttiv (skont il-kriterji statutorji) ġie maħtur Deputat Segretarju Eżekuttiv. Fil-każ fejn il-kunsill ma sabx jew ma rrakkomandax li jinħatar Deputat Segretarju Eżekuttiv ġie maħtur Aġent Segretarju Eżekuttiv.

Sedua 22
27/06/2022

**PORT ĦIELES – PROĠETT TAX-SHORE TO SHIP – FINANZJAMENT**

**1977. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid kemm hi l-istima għall-proġett tax-shore-to-ship fil-Port Ħieles, liema proġett ser jiġi ffinanzjat mis-Sinking Fund li għandha l-Korporazzjoni tal-Port Ħieles u Fondi Ewropej taħt l-iskema Just Transition Fund?

23/06/2022

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-istima għall-proġett tal-Onshore Power Supply hi stmata għal madwar Eur14m.

Seduta 22
27/06/2022

**BUILDING AND CONSTRUCTION AUTHORITY - TELEFONATI**

**1978. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' Ministru jgħid kemm-il telefonata l-Building and Construction Authority irċeviet fuq kull wieħed minn dawn in-numri 80049000 (Freephone), 99637508 (Malta-wara l-ħin tal-uffiċċju) u 99098855 (Għawdex-wara l-ħin tal-uffiċċju), u numri u mezzi oħra jekk applikabbli mill-1 ta' Jannar, 2022 sal-31 ta' Mejju, 2022 li kienu jirrikjedu spezzjoni immedjata? Kemm minn dawn ir-rapporti kien hemm każijiet, fuq kull numru, fejn ma setgħetx issir spezzjoni u x'kienet ir-raġuni f'kull każ?

23/06/2022

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba għadha qed tinġabar u għaldaqstant ħa tingħata f'seduta oħra.

Seduta 22
27/06/2022

**ENVIRONMENTAL AND RESOURCES AUTHORITY - TELEFONATI**

**1979. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' Ministru jgħid kemm-il telefonata l-Environment and Resources Authority irċeviet fuq kull wieħed minn dawn in-numri 22923500, 99637508 (Malta-wara l-ħin tal-uffiċċju) u numri oħra, ERIS u mezzi oħra mill-1 ta' Jannar, 2022 sal-31 ta' Mejju, 2022 li kienu jirrikjedu spezzjoni immedjata? Kemm minn dawn ir-rapporti, kien hemm każijiet, fuq kull numru, fejn ma setgħetx issir spezzjoni u x'kienet ir-raġuni f'kull każ?

23/06/2022

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jindirizza l-mistoqsija lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 22
27/06/2022

**BIRŻEBBUĠA – KAPPELLA TAS-SAGRA FAMILJA - RESTAWR**

**1980. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid meta huwa ppjanat li jibda r-restawr fuq barra tal-Kappella tas-Sagra Familja, Birżebbuġa, li għandu jinkludi l-bini taż-żewġ kampnari u l-portiku?

23/06/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Jekk titressaq it-talba għar-restawr taħt l-Iskema tal-Kunsilli Lokali li l-Ministeru jippubblika darba fis-sena, u jekk it-talba tkun konformi mal-kriterji tal-istess Skema, din tiġi ikkunsidrata fil-merti tagħha.

Seduta 22
27/06/2022

**ENERGY PERFORMANCE CERTIFICATES**

**1981. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid kemm ġew irreġistrati, sena b'sena u sakemm titwieġeb din il-mistoqsija, Energy Performance Certificates (EPCs) għall-ewwel darba, maqsuma bejn bini jew installazzjonijiet privati, pubbliċi u kummerċjali, kemm minn dawn skadew, kemm minn dawk li skadew reġgħu ġew imġedda u kemm minn dawk li skadew għadhom skaduti? Kemm mir-rakkomandazzjonijiet li saru fiċ-ċertifikati li saru fl-ewwel ċertifikat ġew implimentati sakemm saret iċ-ċertifikazzjoni sussegwenti?

23/06/2022

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba għadha qed tinġabar u għaldaqstant ħa tingħata f'seduta oħra.

Seduta 22
27/06/2022

**ĊENTRI TAS-SAĦĦA – LISTA TA' STENNIJA GĦAL APPUNTAMENTI MA' FIŻJOTERAPISTA U PODJATRA**

**1995. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm hi l-lista ta' żmien ta' stennija għall-appuntamenti ma' fiżjoterapista u podjatra f'kull berġa u ċentru tas-saħħa?

23/06/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi ż-żmien ta' stennija għas-servizzi tal-Podjatrija u l-Fiżjoterapija fiċ-Ċentri tas-Saħħa u l-Kliniki tal-Komunità jvarjaw minn 3 ġimgħat għall-fiżjoterapija għal madwar 4 xhur għas-servizzi tal-podjatrija.

Sedua 22
27/06/2022